

## IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET  
U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

## IL-QORTI TA' L-AWDITURI

## RAPPORT SPEĊJALI Nru 8/2007

dwar il-koperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur  
miżjud flimkien mar-risposti tal-Kummissjoni

(skond l-Artikolu 248(4), it-tieni sotto-paragrafu, KE)

(2008/C 20/01)

## WERREJ

	Paragrafu	Pàġna
GLOSSARJU .....		3
SOMMARJU .....	I-VII	5
INTRODUZZJONI .....	1-11	6
L-isfond tal-verifika .....	1-11	6
L-APPROĊĊ U L-AMBITU TAL-VERIFIKA .....	12-17	8
OSSERVAZZJONIJIET .....	18-93	8
Skambju ta' informazzjoni fuq talba bejn l-Istati Membri .....	18-49	8
Intensità tal-koperazzjoni .....	19-23	8
Risposti fil-ħin .....	24-42	9
Kwalità tar-risposta .....	43-49	12
Skambju ta' informazzjoni mingħajr talba minn qabel .....	50-56	13
Sistema ta' Skambju ta' Informazzjoni tal-VAT (VIES) .....	57-70	14
Id- <i>data</i> provduta fil-waqt .....	60-61	14
Aċċess għal u preċiżjoni tad- <i>data</i> .....	62-65	14
Verifikazzjoni tan-numru tal-VAT minn negozjanti .....	66-68	15
Titjib fil-funzjonalità tal-VIES (VIES II) .....	69-70	15
Strumenti sabiex jiġi promoss approċċ ta' kontroll multilaterali .....	71-77	15
Preżenza ta' uffiċjali tat-taxxa fi Stati Membri oħra .....	71-72	15
Kontrolli simultanji u multilaterali .....	73-77	16

	<i>Paragrafu</i>	<i>Pàġna</i>
Promozzjoni u evalwazzjoni tal-kooperazzjoni amministrattiva mill-Kummissjoni	78-83	17
Restrizzjonijiet oħra fuq il-kooperazzjoni effettiva . . . . .	84-93	17
L-ebda regoli komuni sabiex jiġu irtirati numri ta' identifikazzjoni tal-VAT . . . . .	85-87	17
Diffikultajiet fil-prosekuzzjoni trans-konfinali . . . . .	88-91	17
Kwantifikazzjoni u analiżi insuffiċjenti tal-frodi tal-VAT . . . . .	92-93	18
KONKLUŻJONIJET U RAKKOMANDAZZJONIJET . . . . .	94-112	18
Konklużjonijiet . . . . .	94-103	18
Rakkomandazzjonijiet . . . . .	104-112	19
<b>Ir-risposti tal-Kummissjoni</b> . . . . .		20

## GLOSSARJU

**Kooperazzjoni amministrattiva** - Skambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri fejn l-awtoritajiet tat-taxxa jassistu lil xulxin u jikkoperaw mal-Kummissjoni skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1798/2003 tas-7 ta' Ottubru 2003 <sup>(1)</sup> sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni tajba tal-VAT fuq provvisti ta' prodotti u servizzi, fuq l-akkwist intra-Komunitarju ta' prodotti u fuq l-importazzjoni ta' prodotti. Skambji ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri jkopru, bħala regola, kull informazzjoni li tista' tgħinhom biex jagħmlu evalwazzjoni korretta tal-VAT, inkluża kull informazzjoni relatata ma' każijiet speċifiċi. Dawn iseħħu kemm fuq talba kif ukoll mingħajr talba minn qabel. Dan ir-regolament huwa bbażat fuq l-Artikolu 93 KE li jistipula li l-Kunsill, li jaġixxi unanimament fuq proposta mill-Kummissjoni u wara li jikkonsulta mal-Parlament Ewropew u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, għandu jadotta dispożizzjonijiet għall-armonizzazzjoni indiretta safejn din l-armonizzazzjoni tkun neċessarja biex tiżgura l-istabbiliment u l-operazzjoni tas-suq intern.

**Frodi tat-tip Carousel** - ara **Missing trader**.

**Sistema Komuni ta' Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT)** - Il-prinċipju tas-sistema Komuni ta' Taxxa fuq il-Valur Miżjud tinvolvi l-applikazzjoni ta' taxxa ġenerali fuq il-konsum li hija eżattament proporzjonali għall-prezz tal-merkanzija u s-servizzi skond ir-regoli stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 <sup>(2)</sup>. Per eżempju, ir-rata standard tal-VAT stabbilita mill-Istati Membri għandha tkun mill-inqas 15 % u r-rata mnaqqa mill-inqas 5 %. F'kull stadju tal-katina kummerċjali, il-bejjiegħ jiċċarġja l-VAT fuq il-bejgħ iżda jrid iħallas lill-amministrazzjoni dan l-ammont tat-taxxa mingħajr il-VAT imħallsa fuq l-akkwisti magħmula tul in-negozju. Dan il-proċess ikompli sal-konsumatur finali, li jgħarrab il-VAT fuq il-valur totali ta' dak li jinxtara. Il-VAT miġbura mill-konsumur titħallas lill-awtoritajiet tat-taxxa mill-bejjiegħa tal-prodotti. Jekk negozjant jagħmel fornimenti intra-Komunitarji ta' prodotti, huwa għandu d-dritt li jikseb rifużjoni tal-VAT imdaħħla mal-kunsinna lil negozjant fi Stat Membru ieħor. Il-VAT dovuta fuq it-tranżazzjoni hija mbagħad pagabbli minn negozjant fl-Istat Membru tad-destinazzjoni skond ir-rata applikabbli f'dan l-Istat Membru.

**Fiscalis** - Programm ta' azzjoni Komunitarja plurianwali sabiex itejjeb l-operazzjoni tas-sistemi ta' tassazzjoni fis-suq komuni permezz ta' sistemi ta' komunikazzjoni u ta' skambju ta' informazzjoni, kontrolli multilaterali, skambji tal-persunal, seminars u attivitajiet ta' taħriġ oħrajn. Id-Deċiżjoni Fiscalis <sup>(3)</sup> ma tkoprix biss it-taxxa fuq il-valur miżjud, iżda wkoll dazji tas-sisa fuq prodotti tax-xorb u t-tabakk u żjut minerali, taxxi fuq id-dħul u fuq il-kapital u taxxi fuq premiums ta' l-assigurazzjoni. Il-qafas finanzjarju għall-programm għall-perijodu 2003 sa 2007 kien stabbilit għal 67,3 miljun euro.

**Dikjarazzjoni rekapolattiva** - Dikjarazzjoni ppreżentata minn kull persuna taxxabli identifikata għal skopijiet tal-VAT li tagħmel fornimenti intra-Komunitarji. Id-dikjarazzjoni rekapolattiva għandha tiġi magħmula għal kull tlett xhur u tirreġistra l-valur totali tal-prodotti provduti lil kull akkwirent fi Stati Membri oħra, elenkati bin-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT.

**Missing Trader** - Missing trader huwa negozjant irreġistrat għall-iskopijiet tal-VAT li, potenzjalment għandu ħsieb frawdolent, li jakkwista jew jipprova jakkwista prodotti jew servizzi mingħajr ma jħallas il-VAT u jissupplixxi dawn il-prodotti jew servizzi bil-VAT, iżda ma jgħaddix il-VAT miġbura lill-awtorità tat-taxxa nazzjonali. Il-klijenti tal-missing trader jistgħu jkun jew negozjanti bona fide jew ikunu wkoll involuti fil-frodi. Il-klijenti jistgħu jitolbu rifużjoni tal-VAT li huma ħallsu lill-missing trader mill-awtorità tat-taxxa. Jekk l-istess prodotti jiċċirkolaw repetutament bejn l-Istati Membri, din tissejjaħ frodi tat-tip carousel. Tali skemi ta' frodi jistgħu jkunu sofistikati ħafna u jinvolvu negozjanti missing f'diversi Stati Membri u jikkawżaw danni lill-interessi finanzjarji ta' l-Istati Membri kollha kkonċernati.

**Persuna taxxabli** - Kull persuna li, indipendentament, ttwettaq fi kwalunkwe post kwalunkwe attività, hu x'inhu l-iskop jew ir-riżultati ta' dik l-attività.

**SCAC** - Il-Kumitat Permanenti dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva huwa kumitat regolatorju skond l-Artikolu 44 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1798/2003 li jassisti lill-Kummissjoni f'materji kif stabbiliti f'dak ir-Regolament. Huwa kompost minn rappreżentanti ta' l-Istati Membri u ppreśedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni. Meta jadotta l-opinjoni, il-Kumitat jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu permezz tal-maġġoranza stabbilita fl-Artikolu 205(2) KE (maġġoranza kwalifikata). Il-Kumitat normalment jiltaqa darbtejn fis-sena.

**VAT** - ara s-sistema komuni tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud

<sup>(1)</sup> ĠU L 264, 15.10.2003, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

<sup>(3)</sup> Id-Deċiżjoni Nru 2235/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2002 li tadotta programm tal-Komunità biex tittejjeb l-operazzjoni ta' sistemi ta' tassazzjoni fis-suq intern (il-programm Fiscalis 2003-2007) (ĠU L 341, 17.12.2002, p. 1).

**Riżorsi proprji tal-VAT** - Fl-2006, ir-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT ammontaw għal 17,2 biljun euro u kienu jikkostitwixxu 15,8 % tad-dħul tal-Komunità. Ir-riżorsi proprji tal-VAT huma maħduma fuq bażi ta' stima tal-VAT armonizzata (jiġifieri fuq bażi tal-VAT korretta għad-derogazzjonijiet jew l-opzjonijiet speċifiċi użati mill-Istati Membri). Għalhekk, il-pagamenti mill-Istati Membri tar-riżorsi proprji tal-VAT lill-baġit ta' l-UE mhumiex affettwati mir-rati differenti tal-VAT jew mid-derogazzjonijiet fis-seħħ. Il-punt tat-tluq għall-kalkolu tar-riżorsi proprji li jinħolqu mill-VAT huwa d-dħul nett totali mill-VAT miġbura minn kull Stat Membru waqt sena partikolari. Jekk tkun miġbura inqas VAT minħabba evażjoni jew frodi, dan normalment inaqqs ukoll ir-riżorsi proprji tal-VAT imħallsa lill-baġit tal-Komunità, sakemm il-bażi ta' l-estimi li jittiedu f'konsiderazzjoni ma jkunux soġġetti għal limitu ta' 50 % tad-DGN, kif huwa l-każ għal xi Stati Membri.

**Numru ta' identifikazzjoni tal-VAT** - Numru individwali mogħti lil kull persuna taxxabbli li jkollha l-intenzjoni li taġġti fornimenti ta' merkanzija jew servizzi, jew li tixtri merkanzija għal skopijiet ta' negozju. Kull numru għandu prefiss ta' żewġ ittri li bihom l-Istat Membru li jkun ħarġu jiġi identifikat.

**VIES** - Is-Sistema ta' Skambju ta' Informazzjoni dwar il-VAT (VIES) huwa network elettroniku sabiex tiġi trażmessa informazzjoni relatata mal-validità tan-numri ta' identifikazzjoni tal-VAT ta' kumpaniji reġistrati fl-Istati Membri. Barra minn hekk, informazzjoni relatata ma' fornimenti intra-Komunitarji (eżentati mit-taxxa) hija wkoll disponibbli lill-amministrazzjonijiet ta' l-Istati Membri permezz tal-VIES. L-informazzjoni relatata ma' *data* ta' reġistrazzjoni tal-VAT tiġi maqbuda mill-amministrazzjoni nazzjonali u tiġi diretta lejn id-databases nazzjonali għall-konsultazzjoni remota. Dan japplika wkoll għal fornimenti intra-Komunitarji ddikjarati f'dikjarazzjonijiet rekapitulattivi. Is-sistema kienet stabbilita sabiex tikkumpensa għall-eliminazzjoni ta' formalitajiet u kontrolli tad-dwana.

**SOMMARJU**

I. L-evazzjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud u l-frodi fuq skala wiesgħa toħloq distorsjoni fit-tħaddim tas-suq komuni u taffettwa l-interessi finanzjarji ta' l-Istati Membri u l-finanzjament tal-baġit tal-Komunità.

II. Fl-2004, daħlet fis-seħħ leġislazzjoni ġdida tal-Komunità sabiex tħaffef u shahhah il-koperazzjoni trans-konfinali bejn l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri, l-aktar permezz ta' proċeduri aktar ċari, skambju ta' informazzjoni aktar komprensiv u aktar kuntatti diretti bejn l-uffiċċji tat-taxxa lokali.

III. Il-verifika tal-Qorti kellha l-mira li tevalwa jekk l-iskambji ta' l-informazzjoni bejn l-Istati Membri iseħħux b'mod f'waqtu u effettiv u humiex sostnuti minn proċeduri affidabbli u minn strutturi amministrattivi adegwati.

IV. Il-verifika wriet illi l-iskambji ta' l-informazzjoni bejn l-Istati Membri jistgħu jgħinu lill-Istati Membri sabiex jevalwaw it-tassazzjoni korrettement u sabiex jipprevjenu u jiskopru l-frodi.

V. Madanakollu, il-Qorti sabet li:

- a) ma jsirx użu biżżejjed mill-possibilitajiet il-ġodda sabiex tiġi msaħħa u mħaffa l-koperazzjoni u mhux l-Istati Membri kollha waqqfu strutturi amministrattivi adegwati u/jew proċeduri operattivi sabiex jassiguraw il-koperazzjoni effiċjenti;
- b) nofs l-iskambju ta' informazzjoni fuq talba ma jssehhx fiż-żmien ta' l-iskadenzi mitluba mil-liġi u notifikazzjonijiet ta' risposti tard u ta' risposti parzjali rarament jiġu mogħtija;
- c) risposti tard iseħħu fl-Istati Membri kollha imma l-frekwenza ta' tagħhom tvarja konsiderevolment bejn l-Istati Membri. Xi kultant ikun hemm differenzi sinifikanti bejn in-numru ta' talbiet li Stat Membru jgħid li jkun irċieva u n-numru ta' talbiet li Stati Membri oħra jgħidu li jkunu baġtu;
- d) il-qafas ta' l-iskambji ta' informazzjoni mingħajr talba minn qabel m'huwiex definit sew u l-informazzjoni li tiġi provduta spontanament ma tiġix dejjem utillizzata sistematikament;
- e) id-disponibilità tard u n-nuqqas ta' *data* affidabbli fis-Sistema ta' Skambju ta' Informazzjoni dwar il-Valur Miżjud (VIES) iżżid ir-riskju li l-evazzjoni u frodi ma jiġux misjuba.

VI. Hemm bżonn ta' koperazzjoni aktar intensiva u mgħaġġla, aktar kuntatti diretti bejn l-uffiċċji lokali tat-taxxa u monitoraġġ aħjar sabiex jiġi assigurat illi l-Istati Membri jipprovdu biżżejjed assistenza lil xuxlin.

VII. In-nuqqasijiet tal-VIES għandhom jiġu indirizzati urġentement, per eżempju billi jitnaqqas radikalment iż-żmien stipulat sabiex tinġabar u tinqabad id-*data* u billi jingħata aċċess aktar wiesa' għal *data* sabiex jiġu permessi l-konsultazzjonijiet multilaterali.

## INTRODUZZJONI

### L-isfond tal-verifika

1. L-evażjoni u l-frodi tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) joħlqu distorsjoni tal-kompetizzjoni ġusta fis-suq komuni u jnaqqsu d-dħul mit-taxxa fl-Istati Membri. Kif enfasizza l-Kunsill <sup>(1)</sup>, tali frodi għandha tkun trattata effettivament u decisivament fl-interess tan-negozjanti onesti u l-baġits ta' l-Istat Membru. Sabiex jikkomplimenta l-isforzi nazzjonali f'dan ir-rigward, il-Kunsill qabel fit-28 ta' Novembru 2006 dwar il-bżonn urġenti li tiġi stabbilita fil-livell Komunitarju strateġija kontra l-frodi sabiex tikkumbatti l-frodi tat-taxxa.

2. L-evażjoni tal-VAT u l-frodi għandhom impatt ukoll fuq il-finanzjament tal-baġit ta' l-Unjoni Ewropea, għaliex huma jirriżultaw fi bżonn akbar sabiex jintalbu mill-Istati Membri riżorsi proprji bbażati fuq id-dħul gross nazzjonali (DGN). Ir-riżorsa tad-DGN hija intiża biex tkopri l-bilanċ tan-nefqa totali li ma tkunx koperta mir-riżorsi l-oħrajn. Għalhekk telf ikkawżat minn frodi tal-VAT jaffettwa l-bilanċ ġenerali tas-sistema tar-riżorsi proprji kif stabbilit mill-leġislatur tal-Komunità <sup>(2)</sup>. Peress li l-kriterji sabiex jiġu kkalkolati r-riżorsi tal-VAT u tad-DGN huma differenti, dak it-telf jista' jaffettwa ukoll l-inċidenza tal-piż finanzjarju ta' l-Istati Membri <sup>(3)</sup>, u b'hekk ifixklu l-prinċipju ta' l-ekwi-tà.

3. Għalkemm investigazzjonijiet fuq l-iskala ta' l-evażjoni u l-frodi tal-VAT ma twettqux fl-Istati Membri kollha, ġew ippublikati diversi stimuli. L-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-VAT <sup>(4)</sup> tikkwota l-istimi ta' telf mill-VAT li jvarja minn 60 biljun sa 100 biljun euro fis-sena fl-Unjoni Ewropea kollha. Fir-Renju Unit biss, id-dipartiment tad-dħul u d-dwana (HM Revenue and Customs) (HMRC) stima illi fis-sena ta' taxxa 2005-2006 it-telf mid-dħul tal-VAT ammonta għal 18,2 biljun euro <sup>(5)</sup>. Fil-Ġermanja, il-Ministeru tal-Finanzi ppubblika <sup>(6)</sup> r-riżultati ta' studju li stima, għall-2005, telf f'VAT ta' 17-il biljun euro.

4. Il-parti l-kbira ta' l-evażjoni tal-VAT hija marbuta ma' attivitajiet ekonomiċi mhux iddikjarati ("shadow economy"). Hemm, madanakollu, parti sinifikanti ta' l-evażjoni tal-VAT li sseħħ bħala effett kollaterali ta' l-arranġamenti tal-VAT stabbiliti

meta s-suq komuni kien introdott fl-1993. Għan-negozju intra-komunitarju, il-merkanzija provduta hija eżentata mill-VAT. Il-VAT dovuta imbagħad hija pagabbli fl-Istati Membri fejn tasal il-merkanzija. Dawn l-arranġamenti jistgħu jagħtu lok għal evażjoni tal-VAT jew fil-pajjiż tal-fornitur jew fil-pajjiż ta' destinazzjoni. Tlett tipi prinċipali ta' evażjoni iseħħu:

- a) dikjarazzjoni ta' fornimenti intra-Komunitarji filwaqt li tinżamm il-merkanzija sabiex tinbiegħ fis-suq domestiku mingħajr VAT;
- b) in-nuqqas li titħallas il-VAT dovuta mal-wasla fl-Istat Membru ta' destinazzjoni;
- c) frodi tat-tip missing trader <sup>(7)</sup>.

Skemi ta' frodi ta' spiss ikunu sofistikati, jestendu madwar diversi Stati Membri u jinvolvu numru ta' kumpaniji. Per eżempju, l-Eurojust irrappurtat f'Marzu ta' l-2007 <sup>(8)</sup> każ ta' frodi tat-tip carousel internazzjonali smat għal 2,1 biljun euro u li kien jinvolvi 18-il Stat Membru. Fir-Renju Unit biss, skond l-HMRC <sup>(9)</sup>, telf ta' bejn 3 biljun u 4,5 biljun euro fis-sena ta' taxxa 2005-2006 seta' kien attribwibbli għall-hekk imsejja frodi tal-VAT Intra-Komunitarja tat-tip Missing Trader.

5. Filwaqt li l-merkanzija tiċċaqlaq liberament bejn il-fruntieri interni, l-azzjoni ta' l-awtoritajiet tat-taxxa nazzjonali xorta waħda għadha magħgħorment limitata minn dawk l-istess fruntieri. Jekk negozjant jagħmel fornimenti intra-Komunitarji, huwa għandu d-dritt li jikseb rifużjoni ta' l-input VAT. Il-VAT dovuta hija mbagħad imħallsa min-negozjant fil-pajjiż destinatarju. Il-koperazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri hija għalhekk meħtieġa sabiex tiġi skambjata l-informazzjoni li jkun hemm bżonn sabiex tiġi evalwata l-VAT korrettement. Is-sistema komuni għall-iskambju ta' l-informazzjoni bejn l-Istati Membri hija regolata mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1798/2003 tas-7 ta' Ottubru 2003 dwar il-koperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud <sup>(9)</sup> (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "ir-regolament"), li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2004, u li abroga r-Regolament preċedenti Nru 218/92 <sup>(10)</sup>. Ir-regolament jistabbilixxi l-kondizzjonijiet taħt liema l-awtoritajiet tat-taxxa fl-Istati Membri għandhom jikkooperaw bejniethom u mal-Kummissjoni. Ir-regolament ma jipprojbixx aktar assistenza reċiproka fuq bażi ta' atti legali oħra, inklużi ftehimiet bilaterali jew multilaterali. Fejn l-Istati Membri jikkonkludu ftehimiet bilaterali addizzjonali dwar il-koperazzjoni amministrattiva, huma jkunu meħtieġa li jinfurmaw b'dan lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra mingħajr dewmien.

<sup>(1)</sup> Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' l-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-5 ta' Ġunju 2007.

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/597/KE, Euratom tad-29 ta' Settembru 2000 fuq is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej, (ĠU L 253, 7.10.2000, p. 2).

<sup>(3)</sup> Ara l-paragrafu 10 ta' l-Opinjoni tal-Qorti Nru 4/2005 dwar proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill fuq is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej u dwar proposta għal Regolament tal-Kunsill fuq il-miżuri ta' implimentazzjoni għall-korrezzjoni ta' l-iżbilanċi baġitarji skond l-Artikoli 4 u 5 tad-deċiżjoni tal-Kunsill tal- (...) fuq is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU C 167, 7.7.2005, p. 1).

<sup>(4)</sup> Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-VAT, Combating VAT fraud in the EU — the way forward, Marzu 2007.

<sup>(5)</sup> HM Revenue & Customs, Measuring Indirect Tax Losses — 2006, Diċembru 2006.

<sup>(6)</sup> Monatsbericht des BMF — Jannar 2006, p. 45.

<sup>(7)</sup> Ara l-glossarju.

<sup>(8)</sup> Ara d-dikjarazzjoni lill-istampa mill-Eurojust tat-13 ta' Marzu 2007.

<sup>(9)</sup> ĠU L 264, 15.10.2003, p. 1.

<sup>(10)</sup> ĠU L 24, 1.2.1992, p. 1.

6. Meta adotta r-regolament f'Ottubru 2003, il-Kunsill qal <sup>(1)</sup> illi sa dak il-waqt ma kienx hemm użu biżżejjed ta' l-arranġamenti għal koperazzjoni amministrattiva. Il-Kunsill talab sabiex isir skambju ta' informazzjoni aktar intensiv sabiex tiġi miġġielda l-frodi b'mod aktar effettiv.

7. Tlett tipi ta' skambju ta' informazzjoni huma previsti taħt ir-regolament (ara *Stampa 1*):

- Skambju ta' informazzjoni permezz tad-database elettronika VIES. L-Istati Membri huma meħtieġa li jdaħħlu informazzjoni dwar numri tal-VAT mogħtija lil negozjanti u dwar fornimenti intra-Komunitarji ta' merkanziji ddikkjarati minn dawk in-negozjanti. Stati Membri oħra jistgħu imbagħad jeżaminaw id-database sabiex jiksbu din l-informazzjoni u jqabbluha mad-dikjarazzjonijiet magħmula min-negozjanti tagħhom.
- Skambju ta' informazzjoni aktar dettaljata fuq talba speċifika, per eżempju fejn inkjesti magħmula permezz tal-VIES iqajjmu suspetti dwar xi tranżazzjoni u/jew b'riżultat ta' analiżi tar-riskju.
- Skambju ta' informazzjoni mingħajr talba minn qabel, per eżempju fejn Stat Membru jkollu suspett illi ġie mwettaq ksur tal-leġiżlazzjoni tal-VAT fi Stat Membru ieħor.

8. Skambji ta' informazzjoni taħt ir-regolament huma prinċipalment mgħoddija permezz ta' l-Uffiċċji Ċentrali ta' Kuntatt (CLO). Kull Stat Membru għandu jaħtar CLO wieħed bir-responsabbiltà prinċipali għall-kuntatti ma' Stati Membri oħra. Barra minn hekk, il-kompetenza sabiex tiġi skambjata informazzjoni direttament ma' Stati Membri oħra tista' tiġi delegata lil dipartimenti oħra jew lil uffiċjali individwali.


9. Barra minn hekk ir-regolament jistabbilixxi regoli għall-kontrolli mwettqa simultanament f'żewġ Stati Membri jew aktar u jippermetti li uffiċjali tat-taxxa jkunu preżenti fi Stati Membri oħra, per eżempju sabiex ikollhom aċċess għad-dokumentazzjoni miżmuma hemm jew sabiex jattendu inkjesti li jkunu għaddejjin.

10. Ir-regolament jipprovdi wkoll rwol għall-Kummissjoni fil-promozzjoni u l-evalwazzjoni tal-koperazzjoni amministrattiva bejn l-Istati Membri. F'dan, hija tiġi assistita minn kumitat magħmul mir-rappreżentanti ta' l-Istati Membri, il-Kumitat Permanenti dwar il-Koperazzjoni Amministrattiva (SCAC).

11. Barra minn hekk, ir-regolament huwa, flimkien mad-Deċizzjoni Nru 2235/2002/KE dwar il-programm Fiscalis, il-bażi legali għan-nefqa tal-Komunità <sup>(2)</sup> sabiex jiġu żviluppati u miżmuma operattivi sistemi elettroniċi għall-iskambju ta' l-informazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet nazzjonali, kontrolli multilaterali, seminarji ta' taħriġ għall-uffiċjali tat-taxxa,

Stampa 1

**Tipi ta' skambju ta' informazzjoni**



<sup>(1)</sup> Ara r-reċiti 12 u 13 tar-Regolament.

<sup>(2)</sup> Ara l-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007, sezzjoni III, kapitolu 14 05 — Politika ta' tassazzjoni (ĠU L 77, 16.3.2007, p. 776/777).

u l-iskambju ta' uffiċjali bejn l-amministrazzjonijiet. Il-qafas finanzjarju għal Fiscals bejn l-2003 u l-2007 kien iffissat għal 67,3 miljun euro.

#### L-APPROĊĊ U L-AMBITU TAL-VERIFIKA

12. L-objettiv tal-verifika tal-Qorti kien li jiġi evalwat jekk l-iskambji ta' l-informazzjoni bejn l-Istati Membri jiġux imwettqa f'waqthom u b'mod effettiv u jekk jeżistux strutturi u proċeduri amministrattivi adegwati sabiex isostnu l-koperazzjoni amministrattiva. Il-verifika kopriet:

- skambju ta' informazzjoni fuq talba;
- skambju ta' informazzjoni mingħajr talba minn qabel;
- informazzjoni permezz tad-database VIES;
- għodda sabiex jiġi msaħħaħ approċċ tal-kontroll multilaterali; u
- il-promozzjoni u l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni tal-koperazzjoni amministrattiva.

13. Fl-2006, ġew miżjura CLOs f'seba' Stati Membri<sup>(1)</sup>. Kampjun ta' 420 skambju ta' informazzjoni fuq talba, mibgħuta jew irċevuti fl-2005 minn dawn l-Istati Membri, ġie eżaminat u l-puntwalità u l-kwalità tat-tweġibiet ġew evalwati. Madanakollu, il-preċiżjoni ta' l-evalwazzjonijiet tat-taxxa individwali ma kinitx hija nniffisha soġġetta għall-verifika.

14. Missjonijiet tal-verifika ġew imwettqa skond l-Artikolu 248(3) tat-Trattat li jipprovdi illi l-verifika tal-Qorti għandha tkun, jekk meħtieġ, imwettqa fuq il-post ta' kwalunkwe korp li jieħu ħsieb d-dħul jew in-nefqa f'isem il-Komunità u fl-Istati Membri, inkluż il-post ta' kwalunkwe persuna fiżika jew legali li tkun irċeviet pagamenti mill-baġit. Il-Ministeru tal-Finanzi Ġermaniż, madanakollu, ma kkonformax ma' talba tal-verifika mill-Qorti u qal li, fl-opinjoni tiegħu, ma kien hemm l-ebda bażi legali għal verifika bħal din. Osservazzjonijiet f'dan ir-rapport li jirrigwardaw il-Ġermanja għalhekk huma bbażati fuq sejbiet minn missjonijiet tal-verifika mwettqa fi Stati Membri oħra, informazzjoni miksuba waqt missjonijiet ta' verifika fil-Kummissjoni, u rapporti disponibbli pubblikament.

15. Fi 23 każ<sup>(2)</sup> magħżula mill-kampjun, il-Qorti stiednet lill-Istati Membri sabiex jipprovdu dettalji dwar kif l-informazzjoni miksuba permezz ta' skambji ġiet segwita mill-uffiċċji tat-taxxa lokali li minnhom kienu oriġinaw it-talbiet.

(1) Missjonijiet ta' verifika seħħew fi Franza, l-Italja, il-Lussemburgu, l-Olanda, is-Slovenja u r-Renju Unit.

(2) Il-Ġermanja — 4 każijiet; il-Belġju, Franza u r-Renju Unit — 3 każijiet; l-Awstrija, l-Irlanda u l-Olanda — 2 każijiet; il-Finlandja, l-Ungerija, l-Italja u l-Polonja — każ 1. Sa issa, Franza u l-Ġermanja għadhom ma provdewx tweġibiet għat-talba tal-Qorti.

16. Fil-Kummissjoni, ġie eżaminat kif jaħdmu d-dipartimenti rilevanti, inkluża analiżi tal-ġestjoni tal-programm Fiscalsis. Ġie analizzat ukoll kif jaħdem il-Kumitat Permanenti dwar il-Koperazzjoni Amministrattiva (SCAC).

17. Barra minn hekk, sar użu minn rapporti u minn xogħol ta' Uffiċċji Nazzjonali tal-Verifika fi Stati Membri li wettqu verifiki simili. Kwistjonijiet imqajjma f'rapporti preċedenti tal-Qorti<sup>(3)</sup> ġew ukoll segwiti.

#### OSSERVAZZJONIJIET

##### *Skambju ta' informazzjoni fuq talba bejn l-Istati Membri*

18. L-Artikolu 5 tar-regolament jipprovdi sabiex l-Istati Membri jwettqu skambju ta' informazzjoni fuq talba. Bħala regola, kwalunkwe informazzjoni li tista' tgħin sabiex titwettag evalwazzjoni korretta tal-VAT tista' tkun soġġetta għal talba, inkluża kwalunkwe informazzjoni relatata ma' każijiet speċifiċi. Sabiex tinkiseb l-informazzjoni imfittxija mill-amministrazzjoni tat-taxxa fi Stat Membru ieħor, l-awtorità li tiġi mitluba hija meħtieġa li taġixxi daqs li kieku qed taġixxi għaliha nniffisha.

##### **Intensità tal-kooperazzjoni**

19. Sa minn meta daħal fis-seħħ ir-regolament fl-1 ta' Jannar 2004, in-numru ta' talbiet għall-informazzjoni żdied b'62 %. Dan tela minn 18 162 talba fl-2003 għal 29 381 fl-2006.

##### *Żieda fl-iskambji ta' informazzjoni prinċipalment minħabba t-tkabbir*

20. Madanakollu, analiżi taċ-ċifri provduti mill-Istati Membri lill-Kummissjoni<sup>(4)</sup> turi illi din iż-żieda tidher li hi l-aktar attribwibbli għat-tkabbir<sup>(5)</sup> bin-numru ta' talbiet mibgħuta fost l-UE-15 fl-2005 u fl-2006 jkun anqas mill-livell milħuq fl-2004 (ara t-Tabella 1).

(3) Rapport Speċjali Nru 9/98 dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji ta' l-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-VAT fuq in-nejozju intra-Komunitarju (ĠU C 356, 20.11.1998, p. 1) u r-Rapport Annwali 2001, il-paragrafi 1.45 sa 1.55 (ĠU C 295, 28.11.2002, p. 9).

(4) Iċ-ċifri għall-2006 għadhom provviżorji.

(5) Minn UE-15 għal UE-25 fl-1 ta' Mejju 2004.



Tabella 1

## Numru ta' talbiet għal skambju ta' informazzjoni (skond l-Istati Membri li għamlu talba)

Sena	Talbiet skambjati fost l-UE-15	Talbiet miġhuta jew irċevuti mill-UE-10	Numru totali ta' talbiet
2002	17 059	—	17 059
2003	18 162	—	18 162
2004	21 587	514	22 101
2005	19 649	6 100	25 749
2006	20 533	8 848	29 381

Sors: Statistika ta' l-Istati Membri skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1925/2004, kalkoli tal-verifika. Statistiċi provviżorji 2006.

21. Fl-2006, aktar minn 3,3 miljun negozjant madwar l-UE ddikjaraw illi huma kienu xtraw minn Stati Membri oħra. Dan ifisser li anke bis-suppożizzjoni konservattiva li kull wieħed mill-29 381 skambju ta' informazzjoni fuq talba fl-2006 kien jikkonċerna negozjanti differenti, il-probabilità li wieħed ikun soġġett għal skambju ta' informazzjoni bħal dan kien anqas minn 0,9 %. Fir-realtà, l-probabilità kienet anke inqas, minħabba li numru ta' kumpaniji kienu soġġetti għal diversi talbiet.

## Kuntatt dirett limitat bejn uffiċċji lokali

22. Raġuni importanti għalfejn il-koperazzjoni ma saritx aktar intensiva hija l-esplojtazzjoni limitata tal-possibilitajiet ta' deċentralizzazzjoni offruti mir-regolament. Meta adotta r-regolament, il-Kunsill qal <sup>(1)</sup> illi, sa dak il-waqt, ma kienx hemm kuntatt dirett biżżejjed bejn l-uffiċċji lokali tat-taxxa, bil-komunikazzjoni bejn uffiċċji ċentrali ta' kuntatt tkun ir-regola u li din iċ-ċentralizzazzjoni kienet waslet sabiex ma kienx hemm biżżejjed użu ta' l-arranġamenti għall-koperazzjoni amministrattiva. Il-Kunsill ikkonkluda illi għandhom isiru dispożizzjonijiet sabiex iwasslu għal aktar kuntatti diretti bejn is-servizzi.

23. Sa issa sar użu limitat minn din l-opzjoni mill-Istati Membri. Ftir Stati Membri biss <sup>(2)</sup> iddevolvew il-kompetenza lil servizzi territorjali. Jekk din id-deċentralizzazzjoni tiġi implimentata biss f'minorità ta' Stati Membri, hija ma jirnexx il-effetti sħaħ tagħha għax ma jkunx hemm siebha għall-koperazzjoni deċentralizzata fil-parti l-kbira ta' l-Istati Membri l-oħra.

<sup>(1)</sup> Ara r-reċita 12 tar-regolament.

<sup>(2)</sup> Fil-Finlandja u fi Franza din il-kompetenza tiġi sistematikament u komprensivament delegata lill-uffiċċji tat-taxxa regionali.

## Risposti fil-ħin

## Nofs it-talbiet imwieġba tard

24. Risposti mgħaġġla għal talbiet għall-informazzjoni huma essenzjali għall-koperazzjoni effettiva. Huma jippermettu li kumpaniji frawdolenti jkunu identifikati malajr u jagħmluha aktar diffiċli għall-frodistsiti li jaħbu l-qliegħ tagħhom mill-frodi tal-VAT. Għalhekk il-regolament jobbliha lill-Istati Membri li jwettqu skambju ta' informazzjoni mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn tlett xhur wara li jirċievu talba. Meta l-awtorità li tirċievi t-talba tkun diġà fil-pussess ta' dik l-informazzjoni, l-iskadenza ta' żmien tiġi mnaqqsa għal xahar wieħed.

25. L-istatistiċi għall-2006 provduti mill-Istati Membri juru illi kważi 50 % tat-talbiet ma ġewx imwieġba fiż-żmien ta' l-iskadenza. Iċ-ċifra kienet anke akbar minn dik fl-2005 meta 42 % tar-risposti kienu tard.

26. Risposti tard iseħħu fl-Istati Membri kollha imma l-frekwenza tagħhom tvarja sinifikatament bejn l-Istati Membri. Fl-2006, żewġ Stati Membri <sup>(3)</sup> wiegħbu fiż-żmien ta' l-iskadenza fi kważi 90 % tal-każijiet, filwaqt li tmien Stati Membri <sup>(4)</sup> wiegħbu tard f'aktar minn 50 % tal-każijiet (ara t-Tabella 2).

<sup>(3)</sup> Il-Litwanja u l-iSlovenja.

<sup>(4)</sup> Ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, Spanja, Franza, l-Italja, il-Lussemburgu, l-Olanda u l-Portugall.

Tabella 2

## Risposti tard skond l-Istat Membru

	Numru ta' talbiet irċevuti skond l-Istati Membri li għamlu talba		Risposti tard skond l-Istati Membri li għamlu talba (wara skadenza ta' 90 jum)		% ta' risposti tard	
	2005	2006	2005	2006	2005	2006
Belġju	1 471	1 610	537	604	36,5	37,5
Repubblika Ċeka	409	639	54	347	13,2	54,3
Danimarka	679	832	282	511	41,5	61,4
Ġermanja	6 255	6 929	2 707	3 195	43,3	46,1
Estonja	132	203	16	44	12,1	21,7
Greċja	213	318	103	138	48,4	43,4
Spanja	2 837	3 225	1 515	2 028	53,4	62,9
Franza	2 138	2 380	917	1 308	42,9	55,0
Irlanda	237	319	96	158	40,5	49,5
Italja	2 802	2 963	1 786	1 924	63,7	64,9
Ċipru	139	285	40	119	28,8	41,8
Latvja	144	403	13	122	9,0	30,3
Litwanja	192	166	13	18	6,8	10,8
Lussemburgu	456	576	123	306	27,0	53,1
Ungerija	283	537	82	193	29,0	35,9
Malta	12	29	4	12	33,3	41,4
Olanda	2 143	2 588	1 171	1 597	54,6	61,7
Awstrija	885	1 092	145	289	16,4	26,5
Polonja	588	772	80	308	13,6	39,9
Portugall	506	514	288	404	56,9	78,6
Slovenja	96	118	9	15	9,4	12,7
Repubblika Slovakka	316	509	40	129	12,7	25,3
Finlandja	179	177	25	44	14,0	24,9
Żvezja	395	416	118	109	29,9	26,2
Renju Unit	2 242	1 781	526	643	23,5	36,1
<b>Total</b>	<b>25 749</b>	<b>29 381</b>	<b>10 690</b>	<b>14 565</b>	<b>41,5</b>	<b>49,6</b>

Sors: Statistika ta' l-Istati Membri skond ir-Regolament (KE) Nru 1925/2004, kalkoli tal-verifika. Statistiċi provviżorji 2006.

27. Għal dak li jirrigwarda r-risposti mogħtija fi żmien xahar, l-istatistiċi wrew tnaqqis fin-numru ta' drabi li fihom l-iskadenzi ġew milħuqa minn 2 154 każ fl-2004 għal 1 885 fl-2006. Meta mqabbel man-numru totali ta' talbiet, dan ifisser illi l-proporzjon ta' risposti kmieni niżel minn 9,7 % fl-2004 għal 6,4 % fl-2006.

28. Barra minn hekk, f'ċerti Stati Membri miżjura, instab li numru ta' talbiet kienu baqgħu pendenti għal aktar minn sena waħda jew aktar. Fl-Italja per eżempju, kien hemm, fiż-żmien taż-żjara ta' verifika tal-Qorti f'Mejju 2006, 182 talba mhux imwiegħba rċevuti fl-aħħar erba' xhur ta' l-2004 biss. Fir-Renju Unit, kmieni fl-2006, 121 talba kienu għadhom pendenti mill-2003 u l-2004.

## Ftit risposti parzjali

29. Ir-regolament jgħid espliċitament illi meta l-awtorità li tiġi mitluba ma tkunx kapaċi tirrispondi sa l-iskadenza hija

għandha tinforma lill-awtorità li tagħmel it-talba bil-miktub bir-aġunijiet għal dan u meta hija ser tkun kapaċi tirrispondi. Madanakollu, avviż minn qabel tal-probabilità tad-dewmien rament jiġi mogħti. Notifikazzjonijiet ta' risposti tard ġew mibgħuta fi 3 minn 57 każ li ma ġewx imwiegħba fil-ħin li ġew eżaminati mill-Qorti.

30. L-istatistiċi mill-Istati Membri għall-2006 wrew illi f'5 % biss tal-każijiet kollha (737 minn 14 565 risposta tard) id-dewmien kien ġie notifikat lill-awtoritajiet li għamlu t-talba. In-nuqqas ta' tali notifikazzjoni ma tfixkel lill-Istat Membru li jagħmel it-talba milli jieħu azzjoni alternattiva meta jkun jaf illi t-talba m'hix ser itkun imwiegħba immedjatament.

31. Barra minn hekk, waqt il-verifika instabu biss ftit każijiet biss ġew misjuba fejn ingħatat informazzjoni parzjali li kienet diġà fil-pussess ta' l-awtorità li rċviet it-talba u għalhekk

disponibbli malajr, segwita minn risposta aktar komprensiva ladarba ż-żjarat tal-kontroll tat-taxxa kienu ġew imwettqa.

*Nuqqas ta' prijorità lil talbiet minn uffiċċji lokali tat-taxxa*

32. Il-verifika kixfet numru ta' fatturi li għandhom impatt negattiv fuq il-puntwalità tar-risposti. Il-parti l-kbira tad-dewmien sabiex jingħataw ir-risposti iseħħu fil-livell ta' l-Uffiċċju tat-Taxxa Lokali (LTO). Mhux dejjem hemm mekkaniżmi f'posthom sabiex jassiguraw illi l-LTOs jagħtu l-istess prijorità lill-koperazzjoni amministrattiva li jagħtu lill-attivitajiet l-oħra tagħhom <sup>(1)</sup>. Osservazzjoni simili saret f'rapport provdut mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika fid-Danimarka (NAOD) <sup>(2)</sup>. L-awtoritajiet tat-taxxa u tad-dwana Daniżi kienu f'fissaw ċifri mmirati għall-konformità ma' skadenzi ta' żmien għall-ipproċessar tal-każijiet, imma, fiż-żmien tal-verifika, talbiet minn awtoritajiet tat-taxxa f'pajjiżi oħra ma kienux inklużi f'dawn iċ-ċifri mmirati. Skond rapport ta' segwitu mill-NAOD, il-ministru responsabbli ħa inizjattivi sabiex jieħu ħsieb din il-kwistjoni.

33. Instabu nurmu ta' raġunijiet oħra li kellhom impatt negattiv fuq it-trattament ta' talbiet għall-informazzjoni. Dawn kienu jinkludu: użu inadegwat tal-formoli ta' talba għall-informazzjoni (eżempju, talbiet multipli f'forma standard waħda, użu żejjed tal-kaxxi ta' "free text" ta' dawn il-formoli u l-użu ta' komunikazzjonijiet mhux elettroniċi) mill-Istati Membri li bagħtu, diffikultajiet sabiex jinftehem x'kien eżattament mitlub (eżempju minħabba informazzjoni mhux ċara, problemi ta' lingwaġġ jew żbalji fl-użu tal-forom standard), u dubji dwar kemm kienu utli ċerti talbiet fl-Istati Membri li rċevewhom.

*Nuqqasijiet fis-sistemi ta' monitoraġġ ta' xi Stati Membri*

34. Dewmien jista' jiġi kkawżat ukoll mill-fatt illi mhux l-Istati Membri kollha stabbilew sistemi adegwati għall-monitoraġġ u l-ġestjoni ta' risposti fil-ħin għat-talbiet.

35. Eżempji pożittivi ta' ġestjoni tat-talbiet irċevuti instabu fil-Lussemburgu, fil-Polonja, fis-Slovenja u fir-Renju Unit, fejn is-CLOs jiffissaw skadenzi interni u jimmonitorjawhom b'mod effettiv.

36. Fl-Italja, fejn is-software introdott għal dan l-iskop mis-CLO ma ġiex użat b'mod effettiv, instabu każijiet ta' żbalji fid-dħul u ta' data nieqsa li wasslu għal ġestjoni ħażina tat-talbiet. Fis-CLO, noti ta' tfakkir lid-dipartimenti għall-kollaborazzjoni kienu programmati għal 10 t'jiem biss qabel l-iskadenza tal-limiti ta' żmien, tard wisq sabiex tittieħed azzjoni.

<sup>(1)</sup> L-Artikolu 5(4) tar-regolament jgħid li, sabiex tikseb l-informazzjoni mfittxija minn awtorità li tagħmel talba lil Stat Membru ieħor, l-awtorità li tirċievi t-talba għandha ttiproċedi daqs li kieku qed taġixxi għaliha nniffisha.

<sup>(2)</sup> Rapport lill-Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi dwar il-miżuri sabiex tiġi miġġielda l-frodi tat-tip carousel, L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika tad-Danimarka, Settembru 2006.

37. Għalkemm kemm is-CLO Olandiż u dak Franċiż iffissaw skadenzi intermedjarji għall-LTOs sabiex dawn jirrispondu għat-talbiet irċevuti, fl-ebda wieħed minn dawn is-CLOs ma kien hemm evidenza ta' monitoraġġ ta' dawn l-iskedi ta' żmien. Kien biss fejn ġew irċevuti noti ta' tfakkir mill-Istat Membru li għamel it-talba illi ttieħdet azzjoni fil-konfont ta' l-LTO li kien tard f'li jip-provdi tweġibiet.

*Nuqqasijiet fl-istruttura organizzattiva tas-CLOs*

38. Fxi Stati Membri miżjura b'numru għoli ta' risposti tard, il-Qorti sabet illi strutturi organizzattivi kkumplikati jikkontribwixxu wkoll għal dewmien u joħolqu problemi fil-monitoraġġ.

39. Fl-Italja, minbarra s-CLO, hemm tlett dipartimenti ta' kuntatt fil-livell ċentrali ta' l-Istat Membru, li kollha huma ta' kompetenza ugwali bl-istess mod fil-qasam tal-koperazzjoni dwar il-VAT. Stati Membri oħra huma liberi li jikkuntattjaw kull darba lil kwalunkwe wieħed mit-tlett dipartimenti ta' kuntatt u li jibagħtu t-talbiet direttament lid-dipartiment magħżul. Il-proċeduri tax-xogħol tat-tlett dipartimenti għall-kollaborazzjoni mhumiex armonizzati u m'hemmx biżżejjed koordinament bejniethom, filwaqt li hemm sorveljanza f'jakk mis-CLO. Barra minn hekk, struttura orgnaizzattiva bħal din m'hijiex skond ir-regolament li jipprovdi <sup>(3)</sup> illi d-dipartimenti għall-kollaborazzjoni għandhom jingħataw kompetenza territorjali speċifika jew reponsabbiltà operattiva speċifika.

40. Is-CLO Olandiż jinkludi żewġ unitajiet operattivi, waħda li tinsab ġewwa Amsterdam u l-oħra ġewwa Almelo, kull waħda minnhom bl-istruttura maniġerjali tagħha. Il-Qorti sabet każijiet fejn għaddew kważi tlett xhur qabel ma risposti għat-talbiet li ġew provduti mill-LTOs ġew mgħoddija lill-Istati Membri li kienu għamli t-talba. F'dawn il-każijiet, l-LTOs kienu bagħtu risposti lis-CLO f'Almelo li ġew mgħoddija lis-CLO f'Amsterdam minn fejn ġew mibgħuta lill-Istati Membri li għamli t-talba.

41. Fil-Ġermanja, skond l-informazzjoni li ġiet magħmula disponibbli għall-Istati Membri l-oħra <sup>(4)</sup>, il-kompiti tas-CLO ġew maqsuma bejn tlett unitajiet ta' l-Uffiċċju Federali Ċentrali tat-Taxxa, wieħed ibbażat f'Bonn, u t-tnejn l-oħra f'SaarLouis. L-ebda informazzjoni ma ġiet magħmula disponibbli lil Stati Membri oħra dwar min kien qed imexxi s-CLO.

42. Il-problemi ta' koordinazzjoni ikkawżati mill-istrutturi orgnizzattivi kkumplikati u n-nuqqasijiet tas-sistemi ta' monitoraġġ jikkontribwixxu għad-diskrepanzi sinifikanti fl-istatistiċi prodotti minn Stati Membri differenti. F'diversi każijiet hemm differenzi sinifikanti bejn in-numru ta' talbiet li Stat Membru jgħid li rċieva u n-numru ta' talbiet li Stati Membri oħra jgħidu li bagħtulu (ara t-Tabella 3).

<sup>(3)</sup> L-Artikolu 2(3).

<sup>(4)</sup> Dokument "Kontaktpunkte für die gegenseitige Amtshilfe im Bereich der Umsatzsteuer, Stand: 1. Februar 2007".

Tabella 3

## Diskrepanzi skond l-Istat Membru (2005)

	Numru ta' talbiet irċevuti		Diskrepanza	%
	Skond l-Istat Membru li rċieva talba	Skond l-Istat Membru li rċieva talba		
Belġju	1 552	1 471	81	5,5
Repubblika Ċeka	371	409	- 38	- 9,3
Danimarka	642	679	- 37	- 5,4
Ġermanja	8 295	6 255	2 040	32,6
Estonja	139	132	7	5,3
Greċja	238	213	25	11,7
Spanja	2 652	2 837	- 185	- 6,5
Franza	2 296	2 138	158	7,4
Irlanda	259	237	22	9,3
Italja	1 284	2 802	- 1 518	- 54,2
Ċipru	114	139	- 25	- 18
Latvja	153	144	9	6,3
Litwanja	180	192	- 12	- 6,3
Lussemburgu	468	456	12	2,6
Ungerija	320	283	37	13,1
Malta	13	12	1	8,3
Olanda	2 089	2 143	- 54	- 2,5
Awstrija	942	885	57	6,4
Polonja	557	588	- 31	- 5,3
Portugall	481	506	- 25	- 4,9
Slovenja	89	96	- 7	- 7,3
Repubblika Slovakkja	306	316	- 10	- 3,2
Finlandja	173	179	- 6	- 3,4
Żvezja	438	395	43	10,9
Renju Unit	2 241	2 242	- 1	0,0
<b>Total</b>	<b>26 292</b>	<b>25 749</b>	<b>—</b>	<b>—</b>
<b>SOMMA TA' L-AMMONTI ASSOLUTI TA' DISKREPANZI</b>			<b>4 441</b>	<b>17,2</b>

Sors: Statistika ta' l-Istati Membri skond ir-Regolament (KE) Nru 1925/2004, kalkoli tal-verifika.

### Kwalità tar-risposta

43. Eżami tat-talbiet u t-tweġibiet fil-kampjun wera illi għalkemm l-informazzjoni provduta kienet xi kultant ippreżentata b'mod inadegwat, fil-parti l-kbira tal-każijiet din kienet komprensiva u dettaljata, u wiegħbet il-mistoqsijiet impoġġija. B'risposta għall-mistoqsijiet tal-Qorti dwar is-segwitu ta' selezzjoni ta' skambji (ara l-paragrafu 15), Stati Membri affermaw

illi t-tweġibiet irċevuti kienu ppermettew evalwazzjoni korretta tal-VAT fil-każijiet ikkonċernati.

*L-evalwazzjoni turi li l-koperazzjoni tista' twassal għal riżultati*

44. Bħalissa ma hemm l-ebda rekwiżit legali sabiex jiġu evalwati r-riżultati tal-koperazzjoni amministrattiva imma xi ffit Stati Membri wettqu eżerċizzji bħal dawn. Dawn l-evalwazzjonijiet juru l-benefiċċji tal-koperazzjoni amministrattiva.

45. Fi Franza, għalkemm l-impatt finanzjarju tal-koperazzjoni ma ġiex evalwat, analiżi mill-awtoritajiet kompetenti wriet illi 34 % tar-risposti rċevuti fl-2005 kkonfermaw jew kixfu l-eżistenza ta' frodi fi Franza jew fi Stat Membru ieħor.

46. Evalwazzjoni mis-CLO fis-Slovenja ta' 89 talba għal koperazzjoni amministrattiva rċevuta mill-awtoritajiet tagħhom fl-2005 wriet illi fil-każ ta' 21 talba, inkjesti amministrattivi rriżultaw fil-ġabra ta' VAT addizzjonali ta' madwar 1,5 miljun euro.

47. Analiżi mis-CLO Pollakk fl-2006 wriet illi 713-il skambju ta' informazzjoni fuq talba wasslu sabiex jiġu mikxufa 64 każ ta' frodi.

48. Madanakollu, ġie nnutat illi hemm xi tħassib fir-rigward tal-kwalità ta' l-informazzjoni li ġiet skambjata dwar Frodi tat-tip Missing Trader suspettata. Il-Ġermanja fl-2005 rrapportat lill-SCAC problemi sabiex tikseb informazzjoni dettaljata biżżejjed minn Stati Membri oħra sabiex tużaha f'azzjoni legali quddiem il-qrati Ġermaniżi. Il-kwistjoni ġiet repetutament diskussa mill-SCAC sa minn meta ġie żviluppat kwestjonarju supplimentari sabiex jieħu ħsieb każijiet fejn ikun hemm bżonn ta' informazzjoni aktar dettaljata għall-azzjoni legali fl-Istati Membri. Sa issa, madanakollu, l-Istati Membri ma laħqux ftehim dwar iċ-ċirkostanzi li fihom dan il-kwestjonarju għandu jintuża jew dwar ir-reqwiziti għall-użu tiegħu.

49. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda mekkaniżmu li bih l-utent tar-risposti għat-talbiet jagħti rispons dwar l-utilità ta' l-informazzjoni provduta. Kwalunkwe nuqqasijiet possibbli fir-risposta ma jiġux rrapportati lura u ma jistgħux jiġu kkunsidrati meta jkunu qed jiġu trattati talbiet oħra.

### **Skambju ta' informazzjoni mingħajr talba minn qabel**

50. L-Artikolu 17 tar-regolament jipprovdi li l-Istati Membri għandhom jiskambjaw l-informazzjoni mingħajr talba minn qabel. Dan jispeċifika illi kull Stat Membru għandu jgħaddi l-informazzjoni lil kwalunkwe Stat Membru ieħor ikkonċernat fi tlett sitwazzjonijiet. L-ewwel, fejn l-effettività tas-sistema tal-kontroll fl-Istat Membru l-ieħor tiddependi neċessarjament fuq l-informazzjoni provduta mill-Istat Membru ta' l-orijini; it-tieni, meta jkun hemm suspett ta' ksur tal-liġi tal-VAT fl-Istat Membru l-ieħor; u t-tielet, f'każijiet li jippreżentaw riskju ta' telf ta' taxxa (minħabba frodi jew evażjoni) fl-Istat Membru l-ieħor. Din tirrappreżenta obbligazzjoni wiesgħa ħafna.

51. L-Artikolu 18, madanakollu, jillimita l-obbligazzjoni provduta fl-Artikolu 17, u jgħid illi l-Istati Membri jistgħu jideterminaw b'għażla jekk humiex ser jiskambjaw ċerti kategoriji ta' informazzjoni mingħajr talba minn qabel.

*Il-potenzjal li tintbagħat informazzjoni mingħajr talba minn qabel mhux utillizzat biżżejjed*

52. B'mod totali, ħames kategoriji bi 13-il sotto kategorija ta' każijiet ġew identifikati <sup>(1)</sup>, fejn l-informazzjoni tista' tiġi mgħoddija bi skambju awtomatiku <sup>(2)</sup> jew bi skambju awtomatiku strutturat <sup>(3)</sup>. Dawn il-kategoriji jinkludu, per eżempju, informazzjoni dwar in-numri ta' identifikazzjoni tal-VAT allokat li l-persuni tax-xabbli stabbiliti fi Stat Membru ieħor li huma missing traders (potenzjali) imma li n-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT tagħhom ma ġiex ikkanċellat.

53. L-iskambji ta' informazzjoni juru differenzi kbar fl-użu ta' dawn il-kategoriji mill-Istati Membri. Il-Ġermanja, per eżempju, kkomunikat lill-Kummissjoni illi hija ser tipparteċipa fil-kategoriji kollha, filwaqt li Franza ħabbret il-parteċipazzjoni tagħha f'sotto kategorija waħda biss. L-istatistiċi rrapportati mill-Istati Membri dwar dawn l-iskambji ta' informazzjoni awtomatiċi mingħajr talba huma ta' kwalità fqira. Id-diskrepanzi l-aktar minħabba fehmiet differenti dwar x'jikkostitwixxi avveniment rapportabbli jagħmluha impossibbli li jinġibdu konklużjonijiet ta' valur mid-data provduta.

54. Minbarra l-iskambji ta' informazzjoni f'kategoriji predefiniti, l-Artikolu 19 tar-regolament jistipula illi l-Istati Membri jistgħu jgħaddu lil xulxin b'mod spontanju kwalunkwe informazzjoni li tista' tghinjom sabiex jeffettwaw evalwazzjoni korretta tal-VAT. Eżempju ta' koperazzjoni bħal din huwa n-Netwerk Ewropew dwar il-Carousel (Eurocanet) li ġie mneħdi fuq inizzjattiva Belġjana u jirċievi s-sostenn mill-Kummissjoni permezz ta' l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi, OLAF. In-netwerk jimmira sabiex iħaffef l-iskambji ta' informazzjoni fuq numru limitat ta' kumpaniji mmirati li jkunu suspettati li huma involuti fi frodi tat-tip missing trader. Għal dan it-tip ta' skambju ta' informazzjoni, li fih ma jipparteċipawx l-Istati Membri kollha, il-Kummissjoni m'għandix aċċess sabiex tiġbor id-data statistika.

<sup>(1)</sup> Ara l-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1925/2004 (ĠU L 331, 5.11.2004, p. 13).

<sup>(2)</sup> Komunikazzjoni sistematika ta' informazzjoni predefinita f'intervalli regolari pre-stabbiliti.

<sup>(3)</sup> Komunikazzjoni sistematika ta' informazzjoni predefinita, kif u meta dik l-informazzjoni ssir disponibbli.

55. Waqt il-verifika instab illi informazzjoni mgħoddija min-għajr talba minn qabel ma kienitx dejjem użata adegwament. Is-CLO tal-Lussemburgu, per eżempju, irrapporta illi huma kienu repetutament irċewew talbiet għal *data* illi kienu diġà provdew spontanjament lil Stati Membri oħra.

56. Informazzjoni addizzjonali ta spiss tingħata wkoll bħala parti minn risposta għal talba għall-informazzjoni, meta tiġi provduta informazzjoni li ma kinitx espliċitament mitluba imma li tiġi meqjusa bħala utli, per eżempju informazzjoni dwar negozjanti oħra involuti fin-negozju ma' kumpanija speċifika. Verifika mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika tal-Litwanja<sup>(1)</sup> sabet illi informazzjoni addizzjonali bħal din provduta minn Stati Membri oħra fit-tweġibiet għal talbiet għall-informazzjoni ma kinitx ġiet mgħoddija lill-awtoritajiet relevanti.

### Sistema ta' Skambju ta' Informazzjoni tal-VAT (VIES)

57. Il-VIES huwa netwerk komuni tal-kompjuter għal skambju ta' *data* fil-parti l-kbira awtomatizzat bejn l-amministrazzjonijiet tat-taxxa. Huwa jippermetti wkoll lin-negozjanti sabiex jiksbu konferma illi s-sieħba tan-negozju tagħhom fi Stati Membri oħra huma reġistrati.

58. In-netwerk tal-VIES jipprovdi informazzjoni dwar in-numri ta' reġistrazzjoni tal-VAT maħruġa mill-Istati Membri, inklużi d-*data* ta' ħruġ, l-isem tan-negozjant, l-indirizz tan-negozjant u, fejn applikabbli, id-*data* ta' meta numru tal-VAT ma baqax validu. Huwa possibbli li tiġi ċċekkajta l-istorja ta' numru tal-VAT, jiġifieri l-modifikazzjonijiet kollha magħmula marbuta miegħu.

59. Barra minn hekk, l-Istati Membri jikkomunikaw permezz tal-VIES id-dettalji tal-fornimenti kollha intra-Komunitarji min-negozjanti tagħhom lil Stati Membri oħra. Dan isir fuq bażi ta' rendikonti rikapitulattivi li għandhom jiġu magħmula kull tlett xhur minn kull fornitur intra-Komunitarju u li jirreġistraw il-valur totali tal-merkanzija fornuta lil kull xerrej fl-Istati Membri l-oħra. L-amministrazzjonijiet tat-taxxa jistgħu jwettqu cross-check ta' din l-informazzjoni dwar il-fornimenti intra-Komunitarji ma' dikjarazzjonijiet magħmula min-negozjanti nazzjonali tagħhom sabiex jidentifikaw ksur tal-leġiżlazzjoni tal-VAT.

### Id-*data* provduta fil-waqt

60. L-operaturi ekonomiċi għandhom jipprovdu rendikonti rikapitulattivi tal-fornimenti ta' merkanzija intra-Komunitarji tagħhom kollha lil klijenti li għandhom numru ta' identifikazzjoni tal-VAT. Ir-rendikonti jkopru perijodi ta' tlett xhur fil-kalendarju. Skond ir-regolament, din l-informazzjoni għandha tiddaħħal fil-VIES mill-aktar fis possibbli u, l-aktar tard, fi żmien tlett xhur mit-tmiem tal-perijodu ta' tlett xhur fil-kalendarju ma' liema huma jkunu relatati. Dan ifisser li anke meta negozjanti jissottomettu r-rendikonti fil-ħin, informazzjoni dwar fornimenti intra-komunitarji magħmula f'Janar tista' tkun disponibbli fil-VIES, biss f'Ġunju, jiġifieri, kważi sitt xhur aktar tard.

<sup>(1)</sup> Rapport tal-verifika pubblika dwar il-koperazzjoni fil-qasam ta' l-iskambju ta' l-informazzjoni dwar it-Taxxa fuq il-valur miżjud, 30 ta' Ġunju 2006, Nru VA-8000-4-13, p. 18.

*L-effettività tal-VIES imfixkla minħabba ż-żmien meħud għall-ġabra u t-trażmissjoni tad-*data**

61. Diversi Stati Membri diġà jgħbru informazzjoni dwar fornimenti intra-Komunitarji fuq bażi ta' xahar b'xahar, u t-tnaqqis taż-żmien għat-trażmissjoni ta' l-informazzjoni ġie diskuss repetutament mill-SCAC. Madanakollu, ma ntlaħaqx ftehim bejn l-Istati Membri fuq l-applikazzjoni ġenerali ta' perijodi ta' trażmissjoni iqsar.

### Aċċess għal u preċiżjoni tad-*data*

62. Kull Stat Membru għandu biss aċċess fil-VIES għat-tranżazzjonijiet li jinvolvu n-negozjanti tiegħu stess. Minħabba dan, kull meta l-Istati Membri, sabiex jidentifikaw netwerks ta' frodi possibbli, jkollhom b'żonn informazzjoni dwar operazzjonijiet ta' negozju bejn Stati Membri oħra, huma jridu jibgħatu talba lill-Istati Membri konċernati. Din tiegħu ż-żmien sabiex tiġi mwiegħba u timpenja riżorsi umani fiż-żewġ Stati Membri.

63. L-Artikolu 22 tar-regolament jitlob lill-Istati Membri sabiex jassiguraw illi d-databases tagħhom jinżammu aġġornati, u li jkunu kompleti u preċiżi. Kif juru d-diskussjonijiet fl-SCAC, preżentement ma hemm l-ebda approċċ komuni fost l-Istati Membri rigward il-kwistjoni ta' dwar kif tista' tiġi assigurata l-kwalità u l-affidabilità tad-*data* fil-VIES. Għalkemm mitluba mill-Artikolu 22 tar-regolament, sa issa l-ebda kriterja ma ġew definiti sabiex jiddeterminaw liema tibdiliet m'humiex pertinenti, essenzjali u utli u li għalhekk m'hemm x għalfejn isiru.

64. Xogħol imwettaq mill-Uffiċċji Nazzjonali tal-Verifika wkoll jenfasizza l-problema ta' l-affidabilità tad-*data*. Bħala eżempju, diskrepanzi fir-rappurtar ġew identifikati waqt verifika kondotta parallellment bejn l-Uffiċċji Supremi tal-Verifika tar-Repubblika Ċeka u tar-Repubblika Slovakka<sup>(2)</sup>. Differenzi bejn il-valuri tal-fornimenti tal-merkanzija rrapurtati minn persuni tax-xabbli minn Stati Membri oħra u l-valuri tax-xiri ta' merkanzija rrapurtati mill-persuni tax-xabbli mir-Repubblika Ċeka jew mir-Repubblika Slovakka kienu kkawżati, fost affarijiet oħra, mill-metodi differenti ta' rappurtar tad-*data* dwar fornimenti u xiri intra-Komunitarji fl-Istati Membri individwali. Dan kien jinvolvi, per eżempju, id-dikjarazzjoni ta' fornimenti intra-Komunitarji fir-rendikont rikapitulattivi tal-fornituri għal perijodu ta' tlett xhur differenti minn dak fl-irċevuta tal-VAT tax-xerrej ta' merkanzija intra-Komunitarja.

<sup>(2)</sup> Ara r-Rapport dwar ir-Riżultati tal-Verifika Parallela ta' l-Amministrazzjoni tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud fir-Repubblika Ċeka u fir-Repubblika Slovakka fl-2005.

65. Rapport <sup>(1)</sup> mill-Kamra tal-Kontroll Suprema tal-Polonja ġibed l-attenzjoni għall-fatt illi d-disponibilità ta' rendikonti rikapitulativi dwar akkwizzizzjonijiet intra-Komunitarji ttejjeb sinifikament il-possibilità għall-kontrolli u tiffaċilita s-sejba ta' attentat ta' frodi. Għalkemm xi Stati Membri diġà jiġbru *data* bħal din mingħand in-negozjanti, huwa biss id-dħul fil-VIES ta' rendikonti rikapitulattivi fuq il-fornimenti li huwa preżentament obbligatorju.

### Verifikazzjoni tan-numru tal-VAT minn negozjanti

66. L-Artikolu 27(4) tar-regolament jipprovdi illi l-fornituri jistgħu jiksbu konfermazzjoni tal-validità tan-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT ta' kwalunkwe persuna speċifikata. L-Istati Membri kollha għandhom is-sistemi tagħhom sabiex jivvalidaw in-numri tal-VAT. Dipendentement fuq l-Istati Membri, it-talbiet għall-konfermazzjoni jistgħu isiru bit-telefown, bil-faks jew elettronikament fuq websajt.

67. Sa mill-2002, il-Kummissjoni għamlet disponibbli għodda fil-websajt tagħha magħrufa bħala "Validazzjoni VIES tan-numru tal-VAT", li tippermetti lil negozjanti li jiċċekkjaw on-line il-validità ta' numru tal-VAT. Ħdax-il Stat Membru jippermettu li jidhru l-isem u l-indirizz ta' negozjant meta jkun qed jiġi ċċekkjat in-numru filwaqt li tlett Stati Membri oħra juru biss l-isem tan-negozjant. It-tlettax l-oħra jikkonfermaw biss il-validità tan-numru tal-VAT mingħajr ma jipprovdu l-ebda informazzjoni dwar in-negozjant.

68. L-informazzjoni provduta mhijiex totalment affidabbli minħabba interpretazzjonijiet differenti ta' kunċetti bażiċi bħall-bidu u t-tmiem ta' l-attività, u minħabba l-fatt illi xi Stati Membri jaġġornaw id-databases tagħhom b'effett retroattiv. Fejn ikunu seħħew aġġornamenti bħal dawn b'effett retroattiv, ikun diffiċli għal amministrazzjoni tat-taxxa sabiex tivverifika jekk numru tal-VAT partikolari kienu jidher bħala validu fiż-żmien meta seħħew it-tranżazzjonijiet li jkunu qed jiġu eżaminati.

### Titjib fil-funzjonalità tal-VIES (VIES II)

69. VIES ilu stabbilt mill-1992. Fl-2004, kien deċiż illi s-sistema kellha bżonn tiġi aġġornata sabiex tkun lesta għal bżon-nijiet ġodda u sabiex tinkorpora avvanzi teknoloġiċi. Dan għandu jwassal għal VIES II, bil-karatteristiċi l-ġodda li jiġu gradwalment miżjuda fis-sistema VIES eżistenti.

<sup>(1)</sup> Informazzjoni dwar is-Sejbiet ta' l-Ispetturi dwar il-Ġabra mill-Awtoritajiet Nazzjonali tal-Baġit tad-Dħul ta' l-Istat li Ġej mit-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud 2004-2005, Kamra Suprema tal-Kontroll, Ġunju 2006.

70. L-istudju tal-fattibilità għall-VIES II semma sitt oqsma ta' żvilupp:

- Titjib fil-ġabra ta' *data* tal-VIES;
- Titjib fil-kwalità ġenerali ta' *data* tal-VIES;
- L-inklużjoni ta' servizzi fil-VIES (B2B) <sup>(2)</sup>;
- Mekkaniżmu ta' One-stop-shop <sup>(3)</sup>;
- Skambju ta' formoli;
- Titjib tal-funzjonalità preżenti.

L-istudju tal-fattibilità kien imħabbar waqt laqgħa ta' l-SCAC f'Marzu 2004, fuq bażi ta' l-ambitu u l-oġġettivi proposti mill-Kummissjoni. Dan assuma illi l-bidla fil-post ta' tassazzjoni tas-servizzi probabbilment tkun implimentata minn Jannar 2007, u li l-mekkaniżmu one-stop shop jibda f'Lulju 2006. Minħabba dawn is-suppożizzjonijiet, għet mogħtija prijorità lil dawn iż-żewġ oqsma. Ladarba ż-żewġ suppożizzjonijiet irriżultaw li ma kinux korretti, saru sforzi li sa issa ma wasslu għall-ebda titjib sinifikanti fil-ġabra u l-kwalità ġenerali tad-*data* tal-VIES.

### Strumenti sabiex jiġi promoss approċċ ta' kontroll multilaterali

#### Preżenza ta' uffiċjali tat-taxxa fi Stati Membri oħra

71. L-Artikolu 11 tar-regolament jipprovdi bażi legali għal uffiċjali maħtura sabiex ikunu preżenti fi Stati Membri oħra, per eżempju sabiex ikollhom aċċess għad-dokumentazzjoni miż-muma hemmhekk jew sabiex jattendu inkjesti li jsiru dwar negozjanti.

72. Sar użu limitat ta' dawn il-possibilitajiet (ara t-Tabella 4). Għall-2006, sitt Stati Membri biss irrappurtaw każijiet fejn l-uffiċjali tagħhom kienu preżenti f'uffiċċji amministrattivi fi Stati Membri oħra (total ta' 15-il każ). Tlett Stati Membri biss irrappurtaw każijiet fejn l-uffiċjali tagħhom kienu pparteċipaw f'inkjesti amministrattivi fi Stati Membri oħra (total ta' 3 każijiet).

<sup>(2)</sup> B2B tfisser forniment ta' servizzi min-negozju għal negozju.

<sup>(3)</sup> Sistema fejn negozjant jista' jilħaq l-obbligi tiegħu tat-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud (VAT) għal attivitajiet f'diversi partijiet ta' l-Unjoni Ewropea, fl-Istat Membru fejn huwa stabbilt biss.

Tabella 4

## Użu ta' strumenti oħra

	Numru ta' preżenzi fuqficcji amministrattivi fi Stat Membru ieħor		Numru ta' parteċipazzjonijiet f'inkjesti amministrattivi fi Stat Membru ieħor		Numru ta' kontrolli simultanji organizzati	
	2005	2006	2005	2006	2005	2006
Belġju	8	3	0	0	3	5
Repubblika Ċeka	0	0	0	0	0	0
Danimarka	n/c	0	n/c	0	0	0
Ġermanja	0	5	0	1	7	3
Estonja	n/c	0	n/c	0	0	1
Greċja	n/c	0	n/c	0	n/c	0
Spanja	0	n/c	0	n/c	0	0
Franza	1	0	1	0	4	4
Irlanda	1	1	1	0	3	2
Italja	n/c	n/c	n/c	n/c	0	0
Ċipru	0	0	0	0	0	0
Latvja	0	0	0	0	0	0
Litwanja	0	0	0	0	0	0
Lussemburgu	n/c	0	n/c	0	0	0
Ungerija	0	0	0	0	0	1
Malta	n/c	0	n/c	0	n/c	0
Olanda	1	3	3	1	10	1
Awstrija	0	1	0	0	0	4
Polonja	0	0	0	0	0	0
Portugall	0	0	0	0	0	0
Slovenja	0	0	0	0	0	0
Repubblika Slovakkja	0	0	0	0	0	0
Finlandja	0	0	0	1	1	0
Żvezja	1	2	0	0	0	2
Renju Unit	7	0	0	0	0	2
<b>Total</b>	<b>19</b>	<b>15</b>	<b>5</b>	<b>3</b>	<b>28</b>	<b>25</b>

Sors: Statistika ta' l-Istati Membri skond ir-Regolament (KE) Nru 1925/2004.  
n/c — Ċifri mhux komunikati mill-Istati Membri.  
Statistiċi provviżorji 2006.

### Kontrolli simultanji u multilaterali

73. L-Artikolu 12 tar-regolament jippermetti li żewġ Stati Membri jew aktar iwettqu kontrolli simultanji, fit-territorju tagħhom stess, dwar is-sitwazzjoni tat-taxxa ta' operatur wieħed jew aktar li huma ta' interess komuni jew komplimentarju. Ir-regolament jipprovdi illi Stat Membru għandu jidentifika l-persuna taxxabli li huwa jkun beħsiebu jipproponi għal kontroll simultanju. L-Istati Membri l-oħra kkonċernati mbagħad jiddeċiedu jekk ikunux iridu jieħdu sehem fil-kontrolli simultanji.

74. Fl-2006, total ta' 25 <sup>(1)</sup> kontrolli simultanji bħal dawn ġew irrappurtati.

<sup>(1)</sup> Din iċ-ċifra tista' tinkludi xi għadd doppju, minħabba li xi kontrolli ġew mibdija konguntemment.

75. Kontrolli simultanji jistgħu jseħħu fil-forma ta' kontrolli multilaterali kif provdut mid-deċizzjoni dwar il-Programm Fiscalis. Taħt din id-deċizzjoni, finanzjament għall-ispejjeż ta' l-ivjaġġar u ta' sussistenza huwa disponibbli. Il-proċedura sabiex jiġu mnehdija u mmexxija kontrolli bħal dawn li tipikament jinvolvi bżonn qawwi ta' koordinament, ġiet simplifikata u ċċarata sinifikatament <sup>(2)</sup>.

76. Fl-2005, total ta' 12-il kontroll multilaterali bħal dawn ġew organizzati minn 5 Stati Membri differenti. Għalkemm din kienet ċifra akbar milli fis-snin 2001 sa 2004 <sup>(3)</sup>, hija hi inqas mill-quċċata li ntlaħqet fl-2006 meta twettqu 16-il kontroll multilaterali.

<sup>(2)</sup> Gwida tal-Kontroll Multilaterali — Verżjoni 2004.

<sup>(3)</sup> Numru annwali ta' MLCs: 2001: 8 organizzati minn 6 SM; 2002: 5 organizzati minn 5 SM; 2003: 3 organizzati minn 2 SM, 2004: 7 organizzati minn 6 SM.



77. Skond l-awtoritajiet Olandiżi, kontrolli bħal dawn jistgħu jwasslu għall-impożizzjoni ta' ammonti sinifikanti ta' VAT addizzjonali. F'wieħed mit-tlett kontrolli multilaterali organizzati mill-Olanda u ffinalizzati fl-2005, ġie stabbilit ammont ulterjuri ta' VAT ta' 35 miljun euro. L-amministrazzjoni tat-taxxa fil-Lussemburgu rrapportat <sup>(1)</sup> każ fejn kontroll multilaterali mwet-taq fuq aktar minn tlett snin flimkien ma' l-awtoritajiet tar-Renju Unit irriżulta fl-iżżarmar b'suċċess ta' netwerk li kien wara frodi ta' 80 miljun euro bit-telefowns ċellulari.

### **Promozzjoni u evalwazzjoni tal-koperazzjoni amministrattiva mill-Kummissjoni**

78. Dan ir-regolament jattribwixxi lill-Kummissjoni l-irwol li ssostni u tippromwovi l-koperazzjoni amministrattiva bejn l-Istati Membri u li tevalwaha flimkien magħhom. Barra minn hekk, il-Kummissjoni hija meħtieġa li tiġbor l-esperjenza f'daqqa ta' l-Istati Membri bl-għan li ttejjeb il-koperazzjoni.

79. Fl-SCAC, il-Kummissjoni għamlet proposti sabiex tittejjeb il-koperazzjoni amministrattiva. Eżempji huma l-inizjattiva tal-Kummissjoni sabiex tnaqqas iż-żmien għall-produzzjoni tar-rendikonti rikapitulattivi tal-fornimenti intra-Komunitarji jew is-suġġeriment sabiex tiġi provduta aktar informazzjoni dwar in-negozjanti fil-VIES. Il-parti l-kbira ta' dawn il-proposti ma ġewx segwiti.

80. Fuq talba tal-SCAC, il-Kummissjoni ddiżinjat formola speċifika ("Formola tat-tendenza") sabiex tindika żviluppi fl-operazzjonijiet tal-Frodi tat-tip Missing Trader. Madanakollu, sa issa l-ebda Stat Membru ma uża din il-formola sabiex jipprovdi informazzjoni. Bl-istess mod, il-Kummissjoni ma ġietx infurmata bil-ftehimiet bilaterali kollha bejn l-Istati Membri dwar materji koperti mir-regolament.

81. Fil-komunikazzjoni tagħha ta' l-2006 rigward il-bżonn li tiġi żviluppata strateġija koordinata sabiex tiġi mtejjba l-għieda kontra l-frodi fiskali <sup>(2)</sup>, il-Kummissjoni qalet illi hija kienet tikkunsidra illi kien wasal il-mument sabiex tiġi mwaqqfa sistema ta' monitoraġġ, fuq bażi ta' indikaturi kwantifikabbli, sabiex jiġi assigurat illi kull Stat Membru huwa kapaċi u fil-fatt jipprovdi assistenza effiċjenti lil Stati Membri oħra. Madanakollu, sa issa l-Kummissjoni ma għamlet l-ebda proposta leġiżlattiva konkreta għall-introduzzjoni ta' din is-sistema ta' monitoraġġ.

82. Barra minn hekk, tlett snin wara li daħal fis-seħħ ir-regolament, l-istruttura organizzattiva għall-koperazzjoni amministrattiva fl-Istati Membri u l-konformità tagħha mar-regolament kienu għadhom ma ġewx evalwati mill-Kummissjoni.

<sup>(1)</sup> Administration de l'enregistrement et des domaines, Rapport d'activité 2006, p. 20.

<sup>(2)</sup> COM(2006) 254 finali, datata 31.5.2006.

83. Skond l-Artikolu 41(2) tar-regolament, l-aċċess tal-persunal tal-Kummissjoni għall-informazzjoni skambjata huwa limitat għal dak li huwa meħtieġ għall-manutenzjoni u l-iżvilupp tan-netwerk tal-komunikazzjoni. Mingħajr aċċess għall-kontenuti ta' l-informazzjoni operattiva skambjata, l-Kummissjoni ma tistax tikseb waħedha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex issib ir-raġunijiet għall-problemi u tippreżenta soluzzjonijiet.

### **Restrizzjonijiet oħra fuq il-koperazzjoni effettiva**

84. Waqt il-kors tal-verfika, ġew identifikati numru ta' problemi oħra li jtellfu l-benefiċċji potenzjali tal-koperazzjoni milli jiġu totalment uttilizzati jew itellfu titjib possibbli.

### **L-ebda regoli komuni sabiex jiġu irtirati numri ta' identifikazzjoni tal-VAT**

85. Ir-revoka immedjata ta' numru ta' identifikazzjoni tal-VAT ta' negozjant hija għodda importanti sabiex jitwaqqfu attivitajiet frawdolenti u sabiex jiġu protetti n-negozjanti onesti.

86. Mill-analiżi tal-leġiżlazzjoni Komunitarja rilevanti <sup>(3)</sup>, tista' tintlaħaq il-konklużjoni illi n-negozjanti li ma jwettqu l-ebda attività ekonomika reali, imma li jwettqu biss tranżazzjonijiet li jissimulaw din l-attività fil-kuntest tal-frodi tal-VAT m'għandhomx dritt li jkollhom numru ta' identifikazzjoni tal-VAT.

87. Madanakollu, l-leġiżlazzjoni tal-Komunità ma tipprovdi proċeduri jew kundizzjonijiet taħt liema numri ta' identifikazzjoni tal-VAT għandhom jiġu kanċellati, per eżempju f'każijiet fejn negozjanti jkunu involuti kemm f'attivitajiet ekonomiċi legali kif ukoll fl-operazzjonijiet frawdolenti. Każijiet bħal dawn huma soġġetti għal leġiżlazzjoni u prattiki nazzjonali differenti.

### **Diffikultajiet fil-prosekuzzjoni trans-konfinali**

88. Waqt il-missjonijiet ta' verifika tagħha, il-Qorti kienet infurmata illi f'xi wħud mill-Istati Membri <sup>(4)</sup>, huwa diffiċli li jiġu mressqa l-qorti persuni nvoluti fi skemi frawdolenti, per eżempju dawk li jipparteċipaw f'katini stabbiliti għall-frodi tat-tip carousel, fejn Stati Membri oħra biss ikunu frodati.

89. L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika tar-Renju Unit (NAO) irrapporta <sup>(5)</sup> illi l-awtoritajiet tat-taxxa Daniżi kienu nfurmawhom illi huma kienu jissuspettaw illi xi kumpaniji Daniżi kienu involuti f'katini ta' forniment ma' missing traders fir-Renju Unit. Madanakollu, ma kien hemm l-ebda telf ta' taxxa fid-Danimarja u għalhekk setgħu isiru biss investigazzjonijiet kriminali limitati.

<sup>(3)</sup> Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni tat-taxxa fuq il-valur miżjud.

<sup>(4)</sup> Franza u l-Lussemburgu.

<sup>(5)</sup> Ara l-paragrafu 4.32 tar-Rapport Standard tal-Kontrollur u ta' l-Awditur Ġenerali datat is-7 ta' Lulju 2006 u ppubblikat flimkien mal-Kontijiet 2005-06 ta' HM Revenue & Customs.

90. Il-Qorti ta' l-Awdituri Federali tal-Ġermanja rrapportat <sup>(1)</sup> illi ma kienu ntlaħqu l-ebda ftehimiet reċiproċi ma' Stati Membri oħra sabiex isiru prosekuzzjonijiet relatati ma' frodi intra-Komunitarja. L-eżistenza ta' ftehimiet bħal dawn kienet, skond il-leġiżlazzjoni Ġermaniża, il-pre-kondizzjoni sabiex jitressqu l-qorti negozjanti involuti f'din it-tip ta' frodi.

91. Il-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(2)</sup> tistipula illi kull Stat Membru għandu jstabilixxi pieni kriminali effettivi, proporzjonati u dissważivi fil-liġi nazzjonali tiegħu sabiex jiġġieled il-frodi u sabiex jikkoopera effettivament ma' Stati Membri oħra. L-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni jipprovdni illi dan japplika wkoll f'każijiet fejn il-frodi sarraf fi tnaqqis illegali tar-riżorsi tal-baġit ta' l-UE. Madanakollu, skond rapport ta' spjegazzjoni <sup>(3)</sup> dwar il-Konvenzjoni adottat mill-Kunsill, il-VAT kienet eskluża mill-ambitu tagħha <sup>(4)</sup>.

### Kwantifikazzjoni u analiżi insuffiċjenti tal-frodi tal-VAT

92. L-azzjoni għall-prevenzjoni tal-frodi intra-Komunitarja ma tistax tiġi mmirata b'mod effettiv mill-Istati Membri, jew mill-Kummissjoni, sakemm dawn ma jkollhomx estimi affidabbli tal-frodi li sseħħ, inkluża informazzjoni dwar is-setturi ekonomiċi l-aktar ikkonċernati. Il-Kummissjoni s'issa għadha ma żviluppat approċċ komuni ta' suċċess.

93. Fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar il-promozzjoni ta' attivitajiet fil-qasam tat-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud, il-Kumitat ta' Kuntatt <sup>(5)</sup> ta mandat lil grupp ta' xogħol sabiex jipproduċi rakkomandazzjonijiet għal mudell waħdani sabiex jiġi stmat it-telf ta' VAT. Approċċ komuni bħal dan jippermetti wkoll lill-Istati Membri sabiex jidderteminaw jekk il-ġlieda kontra l-frodi kienitx ġenwinament ta' suċċess, jew jekk il-fatt li ġiet affrontata l-frodi tal-VAT wassalx biss għaċ-ċaqliq tagħha lejn setturi ekonomiċi jew lejn Stati Membri oħra.

### KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDEZZJONIJIET

#### Konklużjonijiet

94. Minkejja arranġamenti ġodda introdotti fl-2004, il-koperazzjoni amministrattiva bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-VAT għadha mhix intensiva biżżejjed sabiex tlaħħaq ma' l-evażjoni u l-frodi intra-Komunitarja tal-VAT.

<sup>(1)</sup> Bundesrechnungshof, Bemerkungen 2002 zur Haushalts- und Wirtschaftsführung des Bundes, Ziffer 74 ("Strafverfolgung bei innergemeinschaftlichem Umsatzsteuerbetrug").

<sup>(2)</sup> Il-Konvenzjoni kienet magħmula fl-1995 fuq bażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (ĠU C 316, 27.11.1995, p. 49).

<sup>(3)</sup> ĠU C 191, 23.6.1997, p. 1.

<sup>(4)</sup> Il-problema kienet diġà deskritta fir-Rapport Speċjali Nru 9/98, il-paragrafi 2.3 sa 2.9.

<sup>(5)</sup> Il-Kumitat ta' Kuntatt jikkonsisti mill-kapijiet ta' l-Istituzzjonijiet Supremi tal-Verfika ta' l-Unjoni Ewropea.

95. Sa issa, il-parti l-kbira ta' l-Istati Membri għadhom ma użawx totalment il-possibiltajiet provduti mill-leġiżlazzjoni Komunitarja sabiex jiddevolvu l-kompetenza u r-responsabbiltà għal kuntatti diretti ma' awtoritajiet tat-taxxa fi Stati Membri oħra lill-uffiċċji tat-taxxa lokali u reġjonali tagħhom (ara l-paragrafi 19 sa 23).

96. L-iskambju ta' informazzjoni fuq talba, strument prinċipali ta' koperazzjoni amministrattiva bejn l-Istati Membri, huwa effettwat minn proporzjoni għolja ta' risposti tard u minnuqqas ta' risposti parzjali. Il-frekwenza tar-risposti tard tvarja, madanakollu, konsiderevolment bejn l-Istati Membri (ara l-paragrafi 24 sa 31).

97. Il-parti l-kbira tad-dewmien fit-tweġibiet għat-talbiet iseħħu minħabba n-nuqqas ta' prijorità li tingħata lil talbiet mill-uffiċċji lokali tat-taxxa. Nuqqasijiet fis-sistemi ta' monitoraġġ u/jew fl-istruttura organizzattiva ta' l-Uffiċċji Ċentrali ta' Kuntatt f'xi Stati Membri huma raġunijiet oħra li jikkontribwixxu wkoll għad-dewmien (ara l-paragrafi 32 sa 42).

98. Evalwazzjonijiet juru illi l-koperazzjoni twassal għal riżultati. Fejn it-talbiet jiġu mwiegħa skond ir-regoli, huma spiss jippermettu l-kxif jew il-konferma ta' l-eżistenza ta' frodi u jistgħu jwasslu fil-ġabra ta' aktar VAT. Madanakollu, hemm xi tħassib illi l-kwalità ta' l-informazzjoni skambjata dwar missing traders suspettati m'hijiex dejjem biżżejjed sabiex isservi bħala bażi sabiex tittieħed azzjoni legali b'suċċess kontra l-frodisti (ara l-paragrafi 43 sa 49).

99. Il-qafas għall-iskambji ta' l-informazzjoni mingħajr talba minn qabel m'huwix definit sew. Ġew iffissati obligazzjonijiet wiesgħa sabiex jiġu infurmati Stati Membri oħra, imma fil-prattika l-iskambju huwa limitat għal ċerti kategoriji ta' informazzjoni li huma fid-diskrezzjoni ta' l-Istati Membri. Barra minn hekk, l-informazzjoni provduta spontanament m'hijiex dejjem sistematikament użata (ara l-paragrafi 50 sa 56).

100. Il-VIES, is-sistema għall-iskambju ta' l-informazzjoni, għadha nuqqasijiet serji. Dewmien fil-ġabra u l-qabda ta' *data* preċiża u problemi fil-korrezzjoni ta' *data* żbaljata jtellfu l-utilità tagħha. Is-sistema fiha *data* dwar fornimenti intra-Komunitarji biss, imma mhux fuq akkwisti intra-Komunitarji. Dan jillimita l-possibiltajiet ta' kontrolli multipli. Minkejja li deċiżjoni sabiex tiġi aġġornata s-sistema ġiet mittieħda fl-2004, il-progress fl-implimentazzjoni tal-karatteristiċi l-ġodda huwa bil-mod (ara l-paragrafi 57 sa 70).

101. Għodda disponibbli għal approċċ tal-kontroll multilaterali rament huma użati, għalkemm il-finanzjament tal-Komunità huwa provdut permezz tal-programm Fiscalis (ara l-paragrafi 71 sa 77).

102. Il-parti l-kbira tal-proposti magħmula mill-Kummissjoni permezz tal-Kumitat Permanenti dwar il-Koperazzjoni Amministrattiva sabiex jittejjeb l-iskambju ta' l-informazzjoni bejn l-Istati Membri ma kienux segwiti (ara l-paragrafi 78 sa 83).

103. Numru ta' fatturi oħra tellfu l-benefiċċji potenzjali tal-kooperazzjon milli jiġu totalment utilizzati. Dawn jinkludu n-nuqqas ta' regoli komuni sabiex jiġu rtirati numri tal-VAT, difikultajiet fil-prosekuzzjoni trans-konfinali u għodda insuffiċenti għall-kwantifikazzjoni u l-analiżi tal-frodi tal-VAT (ara l-paragrafi 84 sa 93).

#### Rakkomandazzjonijiet

104. Sabiex tiġi miġġielda l-frodi tal-VAT intra-Komunitarja b'suċċess, hemm bżonn li tingħata aktar prijorità lill-koperazzjoni amministrattiva ta' l-Istati Membri, għar-rigward kemm ta' l-iskambji ta' l-informazzjoni operattiva kif ukoll lill-ġestjoni amministrattiva tagħhom.

105. L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu aktar komunikazzjoni diretta bejn il-persunal lokali ta' spezzjoni bħala mezz effettiv sabiex jiġi mgħaġġel l-iskambju ta' l-informazzjoni. Fl-istess waqt dan jgħin sabiex tiżdied l-intensità tal-koperazzjoni u l-kwalità ta' l-informazzjoni skambjata.

106. Monitoraġġ aktar effiċjenti ta' l-iskambji ta' l-informazzjoni bejn l-Istati Membri huwa meħtieġ sabiex jiġi assigurat illi l-problemi jiġu identifikati u li tittieħed azzjoni dwarhom malajr u li kull Stat Membru jipprovi assistenza effettiva lil Stati Membri oħra. Titjib fil-monitoraġġ proprju ta' l-Istati Membri ta' l-iskambji ta' informazzjoni huwa wkoll bżonjuż.

107. Il-proċeduri għal skambji ta' informazzjoni mingħajr talba minn qabel hemm bżonn li jiġu ċċarati. L-informazzjoni li tiġi provduta spontanament għandha tiġi sistematikament utilizzata mill-Istati Membri.

108. Sabiex tittejjeb il-VIES, għandha tittieħed azzjoni sabiex

- a) jitnaqqas radikalment iż-żmien sabiex tinġabar u tinqabad id-*data*;
- b) jiġi assigurat illi *data* impreċiża tiġi korretta malajr;

- c) jittejjeb kif taħdem il-validazzjoni tan-numri tal-VAT;
- d) jiżdiedu l-possibilitajiet ta' kontrolli transversivi, per eżempju billi tiġi inklużi *data* dwar akkwisti intra-Komunitarji; u
- e) jingħata aċċess dirett usa għad-*data* sabiex jiġu permessi konsultazzjonijiet multilaterali.

109. L-introduzzjoni ta' regoli armonizzati sabiex jiġu rtirati numri tal-VAT min-negozjanti involuti fattivitajiet ta' frodi għandha tiġi kkunsidrata.

110. Li jkun hemm *data* dwar l-evazzjoni tal-VAT intra-Komunitarja li tista' titqabbel jgħin sabiex ikun hemm koperazzjoni mmirata aħjar bejn l-Istati Membri. Hemm bżonn li jiġi żviluppat approċċ komuni mill-Kummissjoni flimkien ma' l-Istati Membri lejn il-kwantifikazzjoni u l-analiżi ta' l-evazzjoni tal-VAT.

111. Għandu jiġi kkunsidrat kif tista' tittejjeb il-prosekuzzjoni trans-konfinali tal-frodi tal-VAT intra-Komunitarja fl-Istati Membri, per eżempju billi tinbidel l-interpretazzjoni kurrenti tal-Kunsill, tal-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej li ma tinkludix id-dħul mill-VAT.

112. Rigward il-proposta tal-Kummissjoni għal regolament orizzontali addizzjonali dwar l-assistenza amministrattiva reċiproka għall-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità <sup>(1)</sup>, il-Qorti tfakkar fir-rakkomandazzjoni tagħha <sup>(2)</sup> illi l-Kummissjoni għandha tagħmel sforz sabiex tipproponi simplifikazzjoni u konsolidazzjoni tal-leġiżlazzjoni ta' kontra l-frodi tal-Komunità bil-ħsieb li jiġu evitati d-duplikazzjonijiet u d-dispożizzjonijiet li jidħlu waħda fuq l-oħra jew li jkunu kontradittorji. In-nuqqasijiet eżistenti fil-koperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri jistgħu jiġu indirizzati fil-qafas ta' riforma bħal din.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-8 ta' Novembru 2007.

Għall-Qorti ta' l-Awdituri  
Hubert WEBER  
President

<sup>(1)</sup> COM(2006) 473.

<sup>(2)</sup> Ara l-paragrafu 36 ta' l-Opinjoni Nru 8/2005 dwar proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar assistenza amministrattiva reċiproka għall-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità kontra l-frodi u attivitajiet illegali oħra (ĠU C 313, 9.12.2005, p. 1).

## IR-RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

### TAQSIRA

I.-VII. Il-Kummissjoni fil-biċċa l-kbira taqbel ma' l-osservazzjonijiet tal-Qorti ta' l-Awdituri. L-analiżi tal-Qorti hija konformi mal-valutazzjoni li saret mill-Kummissjoni f'komunikazzjoni ppubblikata f'Mejju 2006 <sup>(1)</sup>: il-qafas legali għall-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tal-VAT għe msaħħaħ xi snin ilu <sup>(2)</sup>, iżda l-Istati Membri għadhom mhux qed jagħmlu użu suffiċjenti mill-possibilitajiet il-ġodda li ngħataw, u l-livell tal-kooperazzjoni amministrattiva mhux proporzjonat mad-daqs tal-kummerċ intra-Komunitarju.

Il-Kummissjoni qed tkompli bl-isforzi tagħha għat-titjib ta' din il-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-Istati Membri ta' l-UE. Wara l-publikazzjoni ta' din il-komunikazzjoni f'Mejju 2006, tnedja dibattitu politiku mal-partijiet kollha kkonċernati dwar strateġija kontra l-frodi fuq il-livell Ewropew. Minbarra l-Kumitat Permanenti dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva <sup>(3)</sup> — li d-diskussjonijiet u d-deċiżjonijiet tiegħu huma ta' natura aktar teknika — nħoloq Grupp ta' l-Istrateġija ta' Kontra l-Frodi Fiskali, li huwa aktar orjentat lejn il-politika.

Deċiżjonijiet dwar kooperazzjoni amministrattiva fuq il-livell tal-Komunità jistgħu jittieħdu biss b'vot unanimu ta' l-Istati Membri kollha.

Fir-rigward tal-qafas għall-iskambji ta' l-informazzjoni mingħajr talba minn qabel, l-Artikolu 18 tar-Regolament tal-Kunsill 1798/2003 — kif ikkonfermat fl-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kummissjoni 1925/2004 — espressament jistipula li kull Stat Membru għandu jistabbilixxi jekk jiħux parti fl-iskambju ta' (sub)kategorija partikolari ta' informazzjoni, u kif se jagħmel dan. Dan it-test kien ir-riżultat ta' kompromess politiku, neċessarju sabiex tinkiseb l-unanimità fil-Kunsill (kif mitlub għal atti bbażati fuq l-Artikolu 93 tat-Trattat).

### OSSERVAZZJONIJIET

20. L-istatistika mogħtija mill-Istati Membri turi:

— żieda fit-talbiet għal skambji ta' informazzjoni bejn l-UE-15 fil-perjodu ta' wara l-1.1.2004, meta mqabbel mal-perjodu ta' qabel dik id-data; kif ukoll

— żvilupp mgħagħel fit-talbiet għal skambji ta' l-informazzjoni bejn l-UE-15 u l-UE-10.

Ma jistax jiġi eskluż li l-adeżjoni ta' 10 Stati Membri ġodda fl-2004 wasslet għal bidla ġeografika fit-tranżazzjonijiet u/jew ċerta frodi tal-VAT mill-UE-15 għal tranżazzjonijiet ma' l-UE-10 u, bl-istess mod, għal bidla fl-Istati Membri li baqgħu jew irċevew talbiet għall-informazzjoni.

Il-fatt biss li n-numru tat-talbiet mibgħuta bejn l-UE-15 fl-2005 huwa xi ftit anqas minn dak ta' l-2004, ma jippermettix li jsiru xi konklużjonijiet speċifiċi, għaliex:

— il-perjodu ta' żmien li qed jiġi analizzat huwa qasir wisq sabiex issir valutazzjoni sħiħa ta' l-evoluzzjoni;

— l-istatistika mgħoddija mill-Istati Membri dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fl-2004 u l-2005 wriet nuqqas ta' preċiżjoni. Fid-dawl tad-diskrepanzi fl-istatistika, ġew żviluppanti linji gwida u struzzjonijiet aktar dettaljati. Dawn inħarġu fit-30.1.2006. F'dak il-mument, l-Istati Membri kienu tal-fehma li ma kienux għadu xieraq li tiġi revevduta l-istatistika diġà miġbura għall-2004 u l-2005.

Fl-2006, in-numru ta' talbiet kien ogħla milli fl-2005, għalkemm kien għadu taħt in-numru ta' l-2004.

<sup>(1)</sup> Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-ħtieġa li tiġi żviluppata strateġija koordinata bil-għan li titjeb il-għlieda kontra l-frodi fiskali, COM(2006) 254 tal-31.5.2006.

<sup>(2)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1798/2003 tas-7 ta' Ottubru 2003 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tal-VAT (ĠU L 264, 15.10.2003, p. 1) u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1925/2004 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1798/2003 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tal-VAT (ĠU L 331, 5 ta' Novembru 2004, p. 13).

<sup>(3)</sup> Dan il-Kumitat Permanenti dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva (SCAC) twaqqaf f'konformità ma' l-Art. 44 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1798/2003 sabiex jgħin lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill.

21. Minkejja ż-żieda fl-iskambji ta' informazzjoni, il-livell ta' kooperazzjoni amministrattiva f'dawn is-snin ma kienx proporzjonat mad-daqs tal-kummerċ fi ħdan il-Komunità<sup>(1)</sup>. Minħabba l-limiti tal-possibilitajiet tagħhom (pereżempju r-riżorsi umani), l-Istati Membri jagħtu importanza kbira lill-kontrolli bbażati fuq analiżi tar-riskju.

22.-23. L-intenzjoni tal-leġiżlazzjoni l-għdida kienet li tiġi ffaċilitata d-deċentralizzazzjoni: kuntatti aktar diretti bejn is-servizzi lokali jistgħu jagħmlu l-kooperazzjoni amministrattiva aktar effiċjenti u rapida<sup>(2)</sup>.

Mezz protett tal-komunikazzjoni elettronika bejn l-uffiċċji lokali fil-varji Stati Membri se jkun disponibbli sa minn tmiem l-2007, sabiex tiġi sostenuta din il-komunikazzjoni deċentralizzata.

Madankollu, l-organizzazzjoni amministrattiva fl-Istati Membri hija primarjament ir-responsabbiltà ta' l-Istati Membri.

24.-31. L-istatistika li tinġabar annwalment u tiġi ppreżentata fil-laqgħat ta' l-SCAC turi li hemm problema ta' risposti tard. Il-Kummissjoni hija konxja minn din il-problema u tindirizzaha ripetutament f'dawn il-laqgħat ta' l-SCAC, u thegġegħ lill-Istati Membri sabiex inaqqsu d-dewmien u jipprovdu risposti provviżorji meta ma jkunux jistgħu jirrispondu qabel jiskadi ż-żmien.

Il-Kummissjoni ħadet diversi inizjattivi sabiex ittejjeb din is-sitwazzjoni. Dawn l-inizjattivi l-ġodda jirrigwardaw:

- aċċess dirett awtomatizzat għad-data;
- skambju ta' informazzjoni aktar rapidu u dettaljat;
- talbiet minn Stati Membri terzi.

Jinsabu għaddejnin diskussjonijiet ma' l-Istati Membri dwar dawn l-inizjattivi fi ħdan il-Grupp ta' l-Istrateġija ta' Kontra l-Frodi Fiskali.

32. It-tħaddim ta' l-organizzazzjoni amministrattiva fi ħdan l-Istati Membri hija primarjament kwistjoni nazzjonali. Madankollu, il-Kummissjoni għandha wkoll dan it-tħassib espress mill-Qorti ta' l-Awdituri u ripetutament għidiet l-attenzjoni ta' l-Istati Membri għal dan fil-laqgħat ta' l-SCAC. Fil-Komunikazzjoni tagħha ta' Mejju 2006, il-Kummissjoni rreferiet ukoll għall-grupp ad hoc tal-Kunsill dwar il-frodi fiskali, li identifika l-assenza ta' kultura amministrattiva tal-Komunità bħala ostaklu fil-għlieda kontra l-frodi<sup>(3)</sup>.

33. L-uffiċċji lokali tat-taxxa għandhom jużaw (korrettament) l-istrumenti żviluppatti sabiex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni amministrattiva:

- formoli standard thejiew u ntlaħaq qbil dwarhom mill-Istati Membri.

<sup>(1)</sup> Cf. COM(2006) 254 tal-31.5.2006, punt 2.1.

<sup>(2)</sup> Ir-regolament jipprovdi għall-possibiltà ta' kooperazzjoni deċentralizzata, wara suġġeriment li sar fil-proposta tal-Kummissjoni għar-regolament (ĠU C 270 E, 25.9.2001, p. 87), COM(2001) 294 tat-18.6.2001.

<sup>(3)</sup> COM(2006) 254, 31.5.2006, punt 3.1.

Minbarra dan, formoli elettroniċi ġodda fil-format XML qed jiġu żviluppatti u se jintużaw mill-bidu ta' l-2008. Dawn il-formoli se jkunu aktar faċli biex jintużaw mill-formoli elettroniċi kurrenti u l-istruttura tagħhom mhux se tkun tista' tinbidel. In-numru ta' żbalji għalhekk għandu jtnaqqas.

- in-netwerk CCN/CSI jippermetti lill-Istati Membri sabiex ikollhom komunikazzjoni rapida u protetta bejn l-Uffiċċji Ċentrali ta' Kuntatt.

Minbarra dan, se jkun ukoll disponibbli mezz ta' komunikazzjoni protett fl-uffiċċji lokali sa minn tmiem l-2007.

38.-42. L-organizzazzjoni amministrattiva ta' l-awtoritajiet kompetenti fi ħdan l-Istati Membri (u t-tqasim tar-responsabbiltà territorjali jew operattiva tagħhom) hija kompetenza nazzjonali; dan għandu jkun konformi mal-leġiżlazzjoni ta' l-UE u m'għandux itellef it-tħaddim tal-kooperazzjoni amministrattiva ma' l-Istati Membri l-oħra.

Il-funzjonament ta' l-istrutturi nazzjonali tas-CLO se jiffirma parti mill-valutazzjoni li se tiġi ppubblikata fl-2008.

49. Il-Kummissjoni diġà ssuġġeriet l-introduzzjoni ta' mekkaniżmu ta' *feedback* fil-laqgħa ta' l-SCAC ta' Diċembru 2006. Dan jista' jkabbar il-motivazzjoni għall-iskambju ta' informazzjoni (spontanja). L-Istati Membri wrew interess f'din l-idea, li se tkompli tiġi esplorata aktar matul l-2008.

51. Fir-rigward tal-qafas għall-iskambji ta' l-informazzjoni mingħajr talba minn qabel, l-Artikolu 18 tar-Regolament tal-Kunsill 1798/2003 — kif ikkonfermat fl-Art. 5 tar-Regolament tal-Kummissjoni 1925/2004 — espressament jistipula li kull Stat Membru għandu jistabbilixxi jekk jiħux parti fl-iskambju ta' (sub)kategorija partikolari ta' informazzjoni, u kif se jagħmel dan. Dan it-test kien ir-riżultat ta' kompromess politiku, neċessarju sabiex tinkiseb l-unanimità fil-Kunsill (kif mitlub għal atti bbażati fuq l-Art. 93 tat-Trattat).

Din id-"definizzjoni" partikolari tas-(sub)kategoriji ta' informazzjoni skambjata mingħajr talba minn qabel, tista' tiġi spjegata mill-fatt li meta ġiet adottata din id-dispożizzjoni, id-disponibilità ta' dawn is-(sub)kategoriji ta' informazzjoni kienet differenti minn Stat Membru għal ieħor (minħabba l-metodi differenti ta' għbir u ħażna ta' l-informazzjoni kkonċernata). Għaldaqstant, kien previst li daww l-Istati Membri li għadhom m'humiex fpożizzjoni li jiskambjaw ċerti tipi ta' informazzjoni (pereżempju minħabba li *database* speċifika għadha trid tiġi żviluppata), jieħdu l-obbligu li jiskambjaw dik l-informazzjoni mill-aktar fis possibbli (ara l-Art. 5, para. 2, tar-Regolament 1925/2004, dwar il-modifiki sussegwenti tas-(sub)kategoriji ta' informazzjoni li l-Istati Membri jiskambjaw, u dwar il-modifika sussegwenti tal-mod li bih l-informazzjoni tiġi skambjata). L-għan, espress fl-Art. 17 tar-Regolament 1798/2003 u l-Art. 3 tar-Regolament 1925/2004, huwa li jkun hemm skambju ta' informazzjoni mill-aktar fis possibbli.

53. Il-funzjonament ta' l-iskambju ta' l-informazzjoni min-għajr talba minn qabel għandu jittejjeb. Metodi aktar effiċjenti ta' l-iskambju ta' l-informazzjoni, li jqisu l-iżviluppi teknoloġiċi reċenti u l-apparat użat mill-kummerċjanti, għandhom ikunu proġettati. Skambji awtomatizzati aktar frekwenti u aktar dettaljati bejn l-Istati Membri, jew saħansitra aċċess dirett għad-databases nazzjonali, għandhom jiġu kkunsidrati wkoll <sup>(1)</sup>.

Id-diskussjonijiet dwar metodi possibbli għat-titjib ta' l-użu ta' din l-għodda jinsabu ghaddejnin mal-Grupp ta' l-Istrateġija ta' Kontra l-Frodi Fiskali. Id-diskussjoni dwar l-użu ta' l-Eurocanet hija eżempju tipiku ta' l-użu li l-Istati Membri jagħmlu minn din l-għodda.

Minbarra dan, il-konklużjonijiet tax-xogħol imwettaq minn diversi Gruppi tal-Proġett Fiscalis (FPGs) u d-diskussjonijiet li jinsabu ghaddejnin fi ħdan dawn il-gruppi jirriflettu x-xewqa ta' l-Istati Membri sabiex itejbu l-użu ta' din l-għodda u jistabbilixxu użu aktar strutturat ta' dan it-tip ta' skambju, pereżempju fir-rigward ta' karożżi użati u l-importazzjoni.

F'dak li jirrigwarda l-istatistika, l-Istati Membri qablu dwar linji gwida u struzzjonijiet dettaljati u, li jistipulaw komunikazzjoni ta' statistika aktar preċiża dwar il-kategoriji ta' l-informazzjoni li huma skambjati mingħajr ma ssir talba minn qabel. Dawn il-linji gwida l-ġodda għandhom jiġu applikati sa mill-2007 (għall-ikkomunikar ta' data statistika dwar it-talbiet u t-tweġibiet li ntbagħtu u ġew riċevuti fl-2006).

54. Il-proġett Eurocanet (European Carousel network), li fih 22 mis-27 Stat Membru qed jipparteċipaw, ippromwova approċċ operattiv li jippermetti li l-unitajiet nazzjonali ta' kontra l-frodi jkunu involuti.

Il-ġestjoni u l-analiżi tad-data jibqgħu fidejn l-Istati Membri biss. Il-Kummissjoni bħalissa m'għandhiex aċċess għad-data u għalhekk ma tistax tipprowdi analiżi. Bħala konsegwenza, il-Kummissjoni tista' toffri biss appoġġ finanzjarju u amministrattiv sabiex issaħħaħ l-iskambju tad-data bejn l-Istati Membri. Madankollu, il-Kummissjoni tkun lesta li toffri appoġġ aktar konkret, bħal pereżempju analiżi tax-xejriet u l-iskemi li jkunu se jsiru fuq il-livell Komunitarju jekk l-Istati Membri jitolbu dan.

60. Informazzjoni dwar provvisti intra-Komunitarji ta' prodotti għandhom jiġu kkomunikati malajr lill-Istati Membri l-oħra. Id-data li qed tiġi skambjata bħalissa bejn l-Istati Membri trid tirrispetta l-perjodu ta' tliet xhur stabbilit fl-Artikolu 25 tar-Regolament 1798/2003. Għaldaqstant, il-kwistjoni ta' l-iskambju aktar mgħaġġel tad-data dwar il-provvisti intra-Komunitarji hija waħda mill-elementi fid-diskussjonijiet ma' l-Istati Membri li ġew immedija permezz tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Mejju 2006. Il-kwistjoni ġiet diskussa wara fil-Grupp ta' l-Istrateġija ta' Kontra l-Frodi Fiskali.

B'riżultat ta' dawn id-diskussjonijiet, il-Kunsill ta' l-ECOFIN ta' Ġunju 2007 stieden lill-Kummissjoni sabiex tippreżenta proposti leġiżlattivi bil-ħsieb li jitnaqqas il-perjodu ta' żmien sabiex jint-bagħtu d-dikjarazzjonijiet rikapitulattivi u kif ukoll għall-iskambju ta' din l-informazzjoni bejn l-Istati Membri.

Il-Kunsill indika li dawn il-proposti jeħtiġilhom li jkunu akkum-panjati minn valutazzjoni ta' l-impatt. Il-Kummissjoni bħalissa qed twettaq din il-valutazzjoni, sabiex tivvaluta l-impatt ta' din il-bidla f'termini ta' spejjeż għan-negożji.

62. Bħalissa jinsabu ghaddejnin id-diskussjonijiet ma' l-Istati Membri dwar l-aċċess awtomatizzat għall-awtoritajiet kompetenti għad-data li tkun tinsab fid-databases ta' l-Istati Membri l-oħra (parti mill-attivitajiet tal-Grupp ta' Strateġija ta' Kontra l-Frodi Fiskali).

L-aċċess għad-databases nazzjonali diġà kien ġie ssuġġerita fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Mejju 2006, bħala wieħed mill-elementi għat-titjib ta' l-iskambju ta' l-informazzjoni <sup>(1)</sup>.

Il-vantaġġ ta' l-approċċ multilaterali huwa muri bl-eżempju tal-proġett Eurocanet, imsemmi mill-Qorti fil-paragrafu 54, li joffri lis-servizzi ta' l-investigazzjoni tat-taxxa ta' l-Istati Membri aktar ċarezza fir-rigward ta' katina ta' frodi suspettata, jew saħansitra l-istampa sħiħa dwarha. L-Istati Membri kollha li jipparteċipaw għandhom aċċess għad-data kollha skambjata, mingħajr limitazzjoni.

65. Il-kwistjoni ta' l-impożizzjoni ta' obbligi ta' rappurtar għad-dikjarazzjonijiet rikapitulattivi dwar l-akkwisti intra-Komunitarji ġiet diskussa f'diversi seminars u gruppi ta' proġetti tal-Fiscalis. Fid-dawl tal-problemi fil-kwalità tad-data u r-rappurtar ħażin frekwenti min-negożjanti nfushom, il-benefiċċji ta' dan l-obbligu mhumiex ippruvati. Minbarra dan, l-impożizzjoni tar-rappurtar ta' akkwisti intra-Komunitarji jkun jikkostitwixxi piż amministrattiv serju addizzjonali għall-kummerċjanti.

67. Sa mill-2002, il-Kummissjoni poġġiet għad-dispożizzjoni għodda ta' validazzjoni tan-numru VIES VAT fuq is-sit ta' l-internet tagħha. Konnessjoni miftuħa hija disponibbli sa mill-2005, u dan jippermetti l-verifikazzjoni awtomatika tan-numri tal-VAT mis-sistemi tal-komputer.

L-għażla mogħtija mill-11-il Stat Membru sabiex jiġu ċċekkjati n-numri ta' l-identità tal-VAT ma' l-ismijiet tal-persuni taxxabli hija għodda utli għall-prevenzjoni ta' l-abbużi fin-numri ta' l-identità tal-VAT.

68. Fil-laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar it-Teknoloġija ta' l-Infommazzjoni (SCIT) ta' Ġunju 2007, intlaħaq ftehim li tiġi ċċarata l-interpretazzjoni tad-data tal-bidu u tat-tmiem ta' l-attivitajiet ekonomiċi tal-persuni taxxabli fil-VIES.

69.-70. Il-Kummissjoni qed taħdem fuq modernizzazzjoni tas-sistema tal-VIES. Dan jippreżenta opportunità sabiex jiġi implimentat titjib fir-rigward tal-kooperazzjoni amministrattiva fil-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT.

<sup>(1)</sup> COM(2006) 254, 31.5.2006, punt 5.2.

L-istudju tal-Fattibilità VIES 2, imħabbar fil-laqgħa ta' l-SCAC ta' Marzu 2004, ippropona ppjanar għal din il-modernizzazzjoni. Dan l-ippjanar, madankollu, ma ġiex approvat mill-Istati Membri.

Kien hemm problema partikolari minħabba n-nuqqas ta' bażi legali. Dan ġie ċċarat fix-xogħol li sar sabiex jiġu inklużi s-servizzi fil-VIES (B2B). Dawn l-attivitajiet bdew taħt il-preżunzjoni li l-bażi legali kienet se tiġi approvata sa l-1.1.2007. L-assenza ta' din il-bażi legali, li għadha ma ġiex approvata, wassal sabiex biss nofs l-Istati Membri implimentawha. Ladarba s'issa mill-investment tagħhom irriżulta biss progress operattiv limitat ħafna, bosta Stati Membri qed joqogħdu lura milli jirripetu dan l-approċċ.

Fir-rigward tal-*One Stop Shop*, minn meta ġie diskuss l-Istudju tal-Fattibilità 'l hawn, din il-bażi legali nbidlet u wasslet għal tliet sub-proġetti ġodda, li għadhom qed jiġu diskussi fil-Kunsill. Għaldaqstant, kien biss fil-laqgħa ta' l-SCIT ta' Ġunju 2007 li tqies li l-ftehim kien stabbli biżżejjed sabiex jibda x-xogħol fuqu.

Fir-rigward tal-Formoli Elettroniċi, ix-xogħol jinsab miexi 'l quddiem biss dwar formoli li kienu kkunsidrati stabbli biżżejjed (tlieta). Għal formoli oħra, huma meħtieġa diskussjonijiet sew fl-SCAC u fil-gruppi ta' ħidma, dwar il-kontenuti tal-forom infus-hom, flimkien ma' l-utilità tal-ħidma meħtieġa sabiex dawn jiġu tradotti fil-format XML.

Fir-rigward tal-kwalità tad-*data*, beda x-xogħol dwar it-tnaqqis taż-żmien u t-titjib tat-trattament tar-rekords tar-reġistrazzjoni storiċi tal-VAT. Madankollu, sew proġetti dwar it-tnaqqis taż-żmien u kif ukoll proġetti oħra dwar il-kwalità tad-*data* jirrikjedu diskussjoni fl-SCAC qabel ikun jista' jibda x-xogħol.

Fir-rigward tal-kwistjoni tad-dewmien fil-ġbir u l-qbid tad-*data*, id-diskussjonijiet ma' l-Istati Membri jinsabu għaddejnin, sabiex jitħaffu l-perjodi għas-sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet rikapitulattivi għal xahar u sabiex titħaffef it-trażmissjoni tad-*data* lill-Istati Membri l-oħra wkoll għal xahar.

71.-72. Il-possibilità ta' preżenza ta' l-uffiċjali tat-taxxa fl-Istati Membri l-oħra hija strument flessibbli għall-kooperazzjoni amministrattiva. F'diversi okkażjonijiet (seminars tal-Fiscalis, laqgħat tal-Grupp ta' l-Istrateġija ta' Kontra l-Frodi Fiskali), l-Istati Membri ġew inkoraġġiti sabiex jagħmlu aktar użu minnha.

75. Il-Kummissjoni tappoġġja l-użu miżjud kurrenti ta' din il-għodda permezz tat-twaqqif tal-pjattaforma ta' kontrolli multilaterali (MLC), forum permanenti għall-promozzjoni u l-valutazzjoni ta' l-MLCs u l-assigurazzjoni ta' l-aħjar prattiċi fir-rigward ta' l-MLCs.

Il-possibilitajiet tekniċi għall-kooperazzjoni fl-MLCs huma wkoll imtejba. Sa minn tmiem l-2006, il-verżjoni l-ġdida tan-Netwerk Komuni tal-Komunikazzjoni (CCN) tippermetti lill-Istati Membri sabiex jittraferixxu l-ittri (pereżempju talbiet tas-CLO) lejn l-uffiċċji lokali tagħhom b'mod protett. Sa tmiem l-2007, se jkun possibbli l-kuntatt elettroniku dirett bejn il-parteċipanti f'MLC permezz ta' mezz ta' trażmissjoni protett.

76. Fl-2006, tnedew 16-il kontroll multilaterali u b'kollox ġew organizzati 58 laqgħa ta' kontroll multilaterali u 5 laqgħat ta' selezzjoni ta' kontroll multilaterali. Sa mis-seminar tal-Fiscalis f'Ġunju 2006, aktar Stati Membri taw bidu għal kontrolli multilaterali.

79. Meta titqies id-diffikultà biex jintlaħaq ftehim fi ħdan l-SCAC (li l-attivitajiet tiegħu huma ta' natura aktar teknika), ċerti suġġetti issa huma diskussi fi ħdan il-Grupp ta' l-Istrateġija ta' Kontra l-Frodi Fiskali, abbażi tal-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill (laqgħat tal-Kunsill ECOFIN ta' Novembru 2006 u Ġunju 2007).

80. "Formola tax-xejriet" ġiet adottata sabiex tiffaċilita l-komunikazzjoni ta' informazzjoni fir-rigward ta' xejriet ġodda fil-frodi. Kważi fil-laqgħat kollha ta' l-SCAC, il-Kummissjoni tieħu l-opportunità sabiex tinkoraġġixxi lill-Istati Membri sabiex jaqsmu l-informazzjoni, bl-użu ta' din il-formola.

Kif innutat mill-Qorti, dawn il-formoli tax-xejriet s'issa għadhom ma ntużawx. Madankollu, il-proġett Eurocanet jsegwi din l-idea għax l-għan tiegħu wkoll huwa li jinqas l-esperjenzi u l-aħjar prattiċi. Għadu ma sarx skambju ta' informazzjoni dwar xejriet u tendenzi ġodda bejn l-Istati Membri, iżda huma jużaw il-Grupp Eurocanet għad-diskussjonijiet dwar xejriet ġodda u skemi frawdolenti ġodda li jkunu tfaċċaw.

81. Is-sistema ta' monitoraġġ hija waħda mill-punti tad-diskussjoni fil-Grupp ta' l-Istrateġija ta' Kontra l-Frodi Fiskali preżenti ma' l-Istati Membri.

82. Il-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha ta' Mejju 2006 <sup>(1)</sup> għamlet valutazzjoni tal-qafas legali eżistenti u l-prattika dwar il-kooperazzjoni amministrattiva (inkluża l-kooperazzjoni fil-qasam tal-VAT). Hija indikat mezzi kif jiġi esplorat kif tista' tittejjeb din il-kooperazzjoni.

Minn dak iż-żmien 'l hawn, il-Kunsill iddiskuta t-tħaddim tal-kooperazzjoni amministrattiva bħala għodda fil-ġlieda kontra l-frodi (laqgħat tal-Kunsill ECOFIN ta' Novembru 2006 u Ġunju 2007), u stieden lill-Kummissjoni sabiex twettaq aktar xogħol, b'mod partikolari fil-qasam tal-VAT. Il-Kummissjoni issa ddedikat bosta riżorsi għall-*follow-up* ta' dawn id-diskussjonijiet. Inhloq il-Grupp ta' l-Istrateġija ta' Kontra l-Frodi Fiskali u dan il-grupp diġà kellu 6 laqgħat.

(1) COM(2006) 254, 31.5.2006.

Sadittant, l-Istati Membri setgħu jiksbu aktar esperjenza fl-istruttura organizzattiva għall-kooperazzjoni amministrattiva, u dwar il-problemi possibbli fil-kooperazzjoni li jistgħu jkunu marbuta ma' l-organizzazzjoni amministrattiva ta' l-awtoritajiet kompetenti fi ħdan l-Istati Membri. Dan il-punt speċifiku se jifforma parti mill-valutazzjoni li gejjja, li se tiġi ppubblikata fl-2008.

L-organizzazzjoni amministrattiva fi ħdan l-Istati Membri taqa' taħt il-kompetenza tagħhom, u huwa diffiċli li jingħataw linji gwida ġenerali, għaliex l-organizzazzjoni ideali tiddependi fuq il-fatturi li jistgħu jvarjaw minn Stat Membru għal ieħor (daqs tat-territorju, numru ta' persuni taxxabbli, struttura ġenerali ta' l-awtoritajiet, eċċ.).

83. Aċċess għall-kontenut ta' l-informazzjoni skambjata ntablab diversi drabi mill-Kummissjoni (OLAF) mingħajr suċċess.

Kieku l-Kummissjoni (OLAF) kellha aċċess għall-informazzjoni skambjata hija kienet tkun tista' ttejjeb ir-rwol tagħha bħala pjattaforma għas-servizzi ta' l-Istati Membri. Dan jiġġenera valur miżjud sinifikanti fil-ġlieda kontra l-frodi fil-VAT billi tingħata analiżi dwar ix-xejriet u l-iskemi frawdolenti ġodda li jkunu għadhom kif instabu (l-ebda valutazzjoni fuq il-livell tal-frodi) minn perspettiva globali tal-Komunità li titpoġġa għad-dispożizzjoni tas-servizzi ta' l-Istati Membri kollha. Madankollu, l-Istati Membri s'issa qed jirrifjutaw li jagħtu aċċess lill-Kummissjoni għalkemm jistgħu jibbenefikaw mill-appoġġ operattiv u ta' stħarriġ mill-Kummissjoni (OLAF) fil-politika tagħhom ta' sejbien bikri.

84. Il-Kummissjoni suġġeriet li tagħmel valutazzjoni tal-kwalità ta' l-iskambji ta' l-informazzjoni abbażi ta' analiżi ta' kampjun ta' skambji, sabiex tidentifika l-problemi differenti fil-fluss ta' l-iskambju ta' l-informazzjoni. Dan is-suġġeriment sar fil-laqgħa ta' l-SCAC f'Diċembru 2006. Diversi Stati Membri esprimew interess li jipparteċipaw fi proġett bħal dan. Għaldaqstant, Grupp tal-Proġett Fiscalis se jitnieda fl-ewwel trimestru ta' l-2008.

87. Il-Kummissjoni għamlet tentattiv sabiex tirranġa ftehim dwar it-tħassir tan-numri tal-VAT f'diversi okkazzjonijiet. L-Istati Membri għadhom ma waslux għal ftehim.

88.-90. Il-Kummissjoni hija konvinta mill-ħtieġa għal leġislazzjoni sabiex issaħħaħ il-prosekuzzjoni transkonfinali fejn ikun hemm telf ta' taxxa fi Stati Membri oħra<sup>(1)</sup>. Bdew id-diskussjonijiet dwar dan fil-Grupp ta' Strateġija ta' Kontra l-Frodi Fiskali.

Minkejja li hija mitluba ta' sikwit, l-introduzzjoni ta' miżuri ġodda ta' liġi kriminali rriżulta li hija diffiċli. Pereżempju, il-Konvenzjoni mfassla abbażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar il-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej li ġiet iffirmata fl-1995 daħlet fis-seħħ biss fl-2002 wara r-ratifikkazzjoni mill-Istati Membri.

Il-Kummissjoni trażmettiet proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ħarsien fil-liġi kriminali ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità, COM(2001) 272. Il-proposta tinkludi dispożizzjonijiet li jirrigwardaw il-prosekuzzjoni ta' reati li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea.

Il-Kummissjoni pproponiet ukoll regolament dwar l-ghajjnuna amministrattiva reċiproka għall-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u attivitajiet illegali oħra, COM(2006) 473. Dan jistipula regoli għal miżuri multidixxiplinari ta' kontra l-frodi fuq il-livell ta' l-ghajjnuna amministrattiva reċiproka u l-interazzjoni neċessarja mal-follow-up ġudizzjarju, li hija prerekwiżit essenzjali għal prosekuzzjoni effettiva.

91. Il-Kummissjoni tqis li l-VAT hija inkluża fl-ambitu tal-konvenzjoni, u tiddeplora l-pożizzjoni meħuda mill-Kunsill li hija kontra l-interessi finanzjarji tal-Komunità u ta' l-Istati Membri<sup>(2)</sup>.

92. Il-Kummissjoni nediet studju fejn il-kuntrattur għandu jipprovdi stima serja dwar l-ammont ta' frodi fiskali fl-Istati Membri differenti ta' l-UE u dan abbażi ta' 3 mudelli statistiċi differenti. L-ewwel riżultat ta' l-estimi tal-frodi tal-VAT għandu jkun disponibbli sa tmiem l-2007.

## KONKLUŻJONIJET U RAKKOMANDAZZJONIJET

94.-103. Il-Kummissjoni tilqa' l-konklużjonijiet tal-Qorti. Dawn jikkonfermaw lil dawk tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-31 ta' Mejju 2006: il-qafas legali għall-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tal-VAT ġie msaħħaħ xi snin ilu, iżda l-Istati Membri għadhom mhux qed jagħmlu użu suffiċjenti mill-possibilitajiet il-ġodda offruti, u l-livell tal-kooperazzjoni amministrattiva mhux proporzjonat mad-daqs tal-kummerċ intra-Komunitarju.

Il-Kummissjoni tkompli tinkoraġġixxi lill-Istati Membri sabiex itejbu l-kooperazzjoni amministrattiva fil-qafas tal-leġislazzjoni preżenti. Problemi (pereżempju risposti li jaslu tard, nuqqas ta' risposti provviżorji, użu limitat tal-possibilitajiet relatati mal-preżenza ta' uffiċjali tat-taxxa fi Stati Membri oħra, kontrolli simultanzi u multilaterali) huma diskussi fil-laqgħat ta' l-SCAC u fis-seminars tal-Fiscalis.

<sup>(2)</sup> Id-dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni, Anness mar-Rapport mill-Kummissjoni dwar l-Implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Ħarsien ta' l-Interessi Finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej u l-protokollu tagħha, l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni (COM(2004) 709 finali) f'SEC(2004) 1299, punt 5.1.2.

<sup>(1)</sup> Ara COM(2006) 254, 31.5.2006, punt 5.1.



Fl-azzjonijiet tagħha sabiex ittejjeb il-kooperazzjoni amministrattiva, il-Kummissjoni jkollha tiffaċċja diversi ostakli:

- leġislazzjoni f'dan il-qasam tista' tiġi adottata biss b'unanimità, li inevitabilment iwassal għal negozjati diffiċli u kompromessi politiċi;
- madankollu, l-organizzazzjoni amministrattiva fl-Istati Membri taqa' primarjament taħt il-kompetenza ta' l-Istati Membri;
- ir-riżorsi li l-Istati Membri jiddedikaw għall-kooperazzjoni amministrattiva huma limitati. F'xi Stati Membri, hemm ukoll it-tendenza li dawn jitnaqqsu.

104. Il-Kummissjoni taqbel mar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti, li huma konsistenti mal-veduti espressi mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni ta' Mejju 2006.

Meta titqies l-importanza tal-frodi tal-VAT, il-Kummissjoni se tkompli tippromwovi dibattitu politiku dwar il-ħtieġa ta' strateġija fuq il-livell ta' l-UE bil-għan li tissaħħaħ il-għieda kontra l-frodi fiskali. Dan id-dibattitu beda f'Mejju 2006 u tkompla mill-ECOFIN fil-konklużjonijiet tiegħu f'Novembru 2006 u Ġunju 2007. Sabiex jiġi żgurat il-*follow-up* ta' dawn il-konklużjonijiet, il-Kummissjoni stabbiliet Grupp ta' l-Istrateġija ta' Kontra l-Frodi Fiskali ma' l-Istati Membri. Dan il-grupp huwa ta' natura aktar politika meta mqabbel ma' l-SCAC u qed jeżamina:

- l-aċċess dirett awtomatizzat għad-*data* fid-*databases* ta' Stati Membri oħra, skambju aktar mgħaġġel u ddettaljat ta' l-informazzjoni, u talbiet ta' Stati Membri terzi.
- il-ħtieġa li jittieħdu miżuri komparabbli kontra dawk li jwettqu l-frodi, partikolarment f'termini ta' sanzjonijiet u proċedimenti kriminali, indipendentement minn jekk il-frodi jwassalx għal telf ta' dħul fl-Istat Membru kkonċernat.
- it-tnaqqis tal-limitu ta' żmien biex jiġu sottomessi dikjarazzjonijiet rikapitulattivi dwar il-provvisti intra-Komunitarji ta' prodotti. Dwar dan l-aħħar punt, il-Kummissjoni bħalissa tinsab fil-proċess li tivvaluta l-impatt ta' bidla bħal din fuq l-impriżi. Ir-riżultat ta' dan l-istudju se jiddetermina l-ambitu tal-proposta leġislattiva potenzjali.

Il-Kummissjoni qiegħda wkoll tinkoraġġixxi lill-Istati Membri sabiex jagħmlu użu aħjar mill-infrastruttura eżistenti għall-appoġġ operattiv u ta' sħarriġ fuq il-livell Komunitarju, jiġifieri l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF).

105.-107. Il-Kummissjoni diġà ħadet bosta inizjattivi sabiex tappoġġja u ttejjeb il-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-Istati Membri ta' l-UE:

- Mezz protett tal-komunikazzjoni elettronika għall-iskambji ta' infomazzjoni bejn l-uffiċċji lokali fil-varji Stati Membri se jkun disponibbli sa minn tmiem l-2007, sabiex tiġi sostenuta din il-komunikazzjoni deċentralizzata.
- Linji gwida estensivi għall-formoli tat-talbiet tpoġġew għad-dispożizzjoni ta' l-Istati Membri u formoli ġodda elettroniċi fil-format XML qed jiġu żviluppanti u se jintużaw sa mill-bidu ta' l-2008.
- Il-gruppi tal-proġetti tal-Fiscalis bħalissa qed jiddiskutu kif jis-tabbilixxu tipi aktar strutturati ta' skambji ta' informazzjoni għal każijiet speċifiċi, pereżempju fir-rigward ta' karozzi użati u importazzjonijiet.
- Il-Kummissjoni waqqfet pjattaforma ta' kontrolli multilaterali (MLC), forum permanenti sabiex jippromwovi u jivvaluta l-MLCs u jassigura l-iskambju ta' l-aħjar prattiċi li jirrigwardaw l-MLCs.
- Il-Kummissjoni ħolqot struzzjonijiet u linji gwida dettaljati għall-komunikazzjoni ta' l-istatistika dwar il-kooperazzjoni amministrattiva, sabiex tikseb ħarsa aħjar lejn il-funzjonament tal-kooperazzjoni amministrattiva.
- Il-Kummissjoni ssuġġeriet l-introduzzjoni ta' mekkaniżmu ta' *feedback*, li jsaħħaħ il-motivazzjoni għall-iskambju ta' informazzjoni (spontanja). L-Istati Membri qablu li jesploraw aktar din l-idea. Dan se jsir fl-2008.
- Il-Kummissjoni se tippublika valutazzjoni tal-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tal-VAT fl-2008. Din il-valutazzjoni tista' tinkludi wkoll analiżi tal-funzjonament ta' l-istrutturi nazzjonali tas-CLO fl-Istati Membri ta' l-UE.

108. Fir-rigward tal-VIES, intlaħaq ftehim f'Ġunju 2007 sabiex jiġi ċċarat kif tinftiehem id-data tal-bidu u tat-tmiem ta' l-attivitajiet tal-persuni taxxabli fil-VIES, sabiex din l-informazzjoni tkun aktar preċiża u kompluta. Tpoġġiet għad-dispożizzjoni konnessjoni miftuħa, li tippermetti verifikazzjoni awtomatika tan-numri tal-VAT mis-sistemi tal-kompjuter, u jinsab għaddej ix-xogħol fuq il-modernizzazzjoni tal-VIES.

109. Il-Kummissjoni se tkompli tinsisti għal ftehim bejn l-Istati Membri dwar it-tħassir tan-numri tal-VAT.

110. Il-Kummissjoni nediet studju sabiex tikseb estimu affidabbli dwar l-ammont ta' frodi fiskali fl-Istati Membri ta' l-UE. L-ewwel riżultat ta' l-estimi dwar il-frodi tal-VAT għandu jkun disponibbli sa tmiem l-2007.

111. Jeħtieġ li jinħoloq qafas legali kumplessiv sabiex tiġi assicurata l-prosekuzzjoni transkonfinali effiċjenti. Għaldaqstant, il-Kummissjoni pproponiet miżuri speċifiċi bħad-Direttiva dwar il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar il-ħarsien fil-liġi kriminali ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità, COM(2001) 272, flimkien mar-regolament dwar l-għajnuna amministrattiva reċiproka

għall-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u attivitajiet illegali oħra, COM(2006) 473. Din ta' l-aħħar, li tinkorpora fil-biċċa l-kbira r-rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Mejju 2005, ma tkoprix il-prosekuzzjoni fiha nnifisha iżda l-miżuri li jassiguraw il-konnessjoni mal-*follow-up* għudizzjarju u s-sostenn għall-irkupru.

112. Il-Kummissjoni tieħu nota tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti dwar is-simplifikazzjoni u l-konsolidazzjoni tal-leġiżlazzjoni ta' kontra l-frodi. Il-Kummissjoni se teżamina l-possibilità li tikkonsolida l-leġiżlazzjoni ta' kontra l-frodi taħt l-Artikolu 280 tat-Trattat tal-KE.